Schola Europaea

Office of the Secretary-General

**Pedagogical Development Unit**

**Ref.: 2017-01-D-62-mt-3 [1]**

**Orig.: MT**

# Is-Sillabu tal-Malti ONL - snin bikrin u primarja
# Maltese ONL Syllabus – Primary cycle

**APPROVED BY THE JOINT TEACHING COMMITTEE ON 9 AND 10 FEBRUARY 2017 IN BRUSSELS**

**Entry into force on 1 September 2017**

[1] a. Insertion of the attainment descriptors (translation of document **2016-01-D-45-en-6 "Attainment Descriptors for all L1 at P5"** approved by the Joint Teaching Committee on 8 and 9 February 2024 in Brussels with an entry into force on 1 September 2024;
b. insertion of **annex III 'General criteria for Achievement of Subject Objectives' of document ref. 2013-09-D-38-en-11 "Assessment Tools for the Primary Cycle of the European Schools"** approved by the Joint Teaching Committee by means of the Written Procedure 2023/40 on 10 November 2023 with an entry into force on 1 September 2024.

## Werrej


INTRODUCTION .... 3

1. Id-Daħla .... 10
2. L-Għanijiet Ġenerali tal-Iskejjel Ewropej .... 11
3. Il-Prinċipji u l-Metodoloġiji tat-Tagħlim .... 12
4. Il-Kisbiet mit-Tagħim tal-Malti bħala Lingwa Nazzjonali Oħrals-Snin Bikrin .... 16
5. Il-Kontenut:L-Aspetti Grammatikali tal-Lingwa .... 20
6. L-Assessjar .... 22
7. Kriterji Ġenerali sabiex jintlaħqu l-Kisbiet mit-Tagħlim .... 37
8. Annessi – Listi ta' kotba rakkomandati .... 38

## INTRODUCTION

The primary section of the European Schools has the two objectives of providing formal, subject-based education and of encouraging students' personal development in a wider social and cultural context. Formal education involves the acquisition of knowledge and understanding, concepts and skills within each subject area. Personal development takes place in a range of spiritual, moral, social and cultural contexts. It involves an awareness of appropriate behaviour, an understanding of the environment in which students work and live, and a development of their individual identity.
The Primary curriculum identifies eight key competences which all individuals need for personal fulfilment and development, for active citizenship, for social inclusion and for employment:

1. communication in the mother tongue
2. communication in foreign languages
3. mathematical competence and basic competences in science and technology
4. digital competence
5. learning to learn
6. social and civic competences
7. sense of initiative and entrepreneurship
8. cultural awareness and expression.

The European Schools' curriculum seeks to develop all of these key competences in the students. The language syllabuses make a significant contribution not only to the development of communicative competences, but also to social and civic competences and to the students' cultural awareness and expression.
The ONL Maltese syllabus seeks to provide opportunities for students to experience Maltese culture through literature, music and folklore. In addition to this, it seeks to develop their self-esteem and confidence by enabling them to understand their identity and their European cultural heritage.
The following didactic principles are intended to guide the teaching and learning of ONL Maltese. The list is not exhaustive and not in order of importance:

- Communicative language competence is an overarching learning goal.
- The skills of listening, reading, spoken interaction, spoken production and writing should all be developed, but their relative weighting depends on the cycle.
- Teaching should take account of students' progression through the various stages of language acquisition. Students' mistakes should be used constructively to develop learning.
- The target language should be used as much as possible.
- Students should be encouraged to draw on their existing language skills and learning strategies.
- A variety of teaching methods and approaches should be used.
- The use of differentiated teaching methodologies should be used in order to meet the diverse needs of all students.
- Students' varied learning styles, pace of learning, social skills, strengths and weaknesses should be used to best advantage.

- Students will achieve fluency, accuracy and independence by making use of a range of learning resources including ICT (information and communication technologies).
- A good command of the language in context presupposes a progressively constructed understanding of the language as a system.
- Priority should be given to functionality when teaching grammar, morphology and vocabulary.
- Students' sociolinguistic competence should be developed to include awareness of aspects such as linguistic register, language varieties, etc.

Following the Board of Governors' approval, on 15 April 2011, of the document relating to 'The organisation of studies and courses in the European Schools' (2011-01-D-33), ONL (Other National Language) Maltese was introduced into the European School system in September 2012. The following is a new syllabus which follows the aforementioned document . It starts from the Nursery level continues through the Primary Years up to the Secondary Years and ultimately leads to the European Baccalaureate.

The following timetabling arrangements apply to ONL at primary level:

| | |
|---|---|
| Nursery | 2 x 30-minute periods per week |
| Primary Years P1-P5 | 2 x 45-minute periods per week |

Classes are 'protected' in that classes will be formed for any number of Category I or Category II students.

This ONL post-primary syllabus aims to build on the skills students have already acquired and to further develop their knowledge and linguistic competences in Maltese. It aims to promote natural and communicative use of the language and is intended to prepare learners to follow postsecondary courses should they so wish. It seeks to provide students with the ability to handle and use different types of texts and to give them a deeper awareness of the Maltese language, culture and literature.

The ONL Maltese syllabus is based on the *Common European Framework of Reference for the Teaching and Learning of Foreign Language*s and the *European Framework for Key Competences for Lifelong Learning.*

The syllabus reflects in its objectives, content and methods a common, harmonised basis in the field of modern languages for the European Schools as already used by many national systems.

The syllabus focuses on the knowledge and the competences to be attained at the end of each cycle, and includes general objectives, didactic principles, learning objectives**,** contents and assessment. It presents the learning outcomes which students will be expected to achieve at the end of each cycle, and describes the knowledge and skills they will develop to be able to communicate effectively.

The structure of the syllabus is intentionally brief but is expanded through a commentary (annex). The Learning Gateway can provide a forum for additional guidelines, clarification or advice.

**INTRODUCTION :**

Le cycle primaire des Écoles européennes a pour double mission d'offrir une éducation formelle portant sur différentes matières et de promouvoir le développement personnel des élèves dans un cadre socioculturel élargi. L'éducation formelle implique dans chaque discipline l'acquisition de connaissances, de compétences et de concepts ainsi que la compréhension de la matière étudiée. Quant à l'épanouissement personnel, il se réalise dans des contextes d'ordre intellectuel, moral, social et culturel variés. Il suppose, de la part des élèves, la conscience des comportements appropriés, la compréhension de leur cadre de vie et la construction de leur identité personnelle.
Le programme du cycle primaire définit huit compétences clés nécessaires à l'épanouissement et au développement personnels des individus, à leur inclusion sociale, à la citoyenneté active et à l'emploi :

1. La communication dans la langue maternelle ;
2. La communication en langues étrangères ;
3. La compétence mathématique et les compétences de base en sciences et technologies ;
4. La compétence numérique ;
5. Apprendre à apprendre ;
6. Les compétences sociales et civiques ;
7. L'esprit d'initiative et d'entreprise ;
8. La sensibilité et l'expression culturelles.

Le programme de cours des Écoles européennes cherche à développer chez les élèves toutes ces compétences clés : les programmes de langues apportent une contribution importante non seulement au développement des compétences en communication, mais aussi aux compétences sociales et civiques des élèves et à leurs sensibilité et expression culturelles.
Le programme de Maltais ONL vise à donner aux élèves l'occasion de se confronter à la culture maltaise au travers de sa littérature, de sa musique et de son folklore. En outre, il vise à développer chez les élèves une bonne estime de soi et la confiance en soi en leur permettant de comprendre leur identité et leur héritage culturel européen.
Les principes didactiques suivants ont pour but d'orienter l'enseignement et l'apprentissage du maltais en tant qu'autre langue nationale. Cette liste n'est pas exhaustive, et les éléments ne sont pas triés par ordre d'importance.

- L'acquisition de compétences linguistiques et communicatives constitue un objectif primordial de l'apprentissage.
- Les compétences que sont la compréhension à l'audition, la compréhension à la lecture, la capacité de participation à une conversation, l'expression orale et l'expression écrite doivent toutes être développées, mais leur importance relative dépend du cycle.
- L'enseignement doit tenir compte de la progression des élèves au cours des différentes étapes de l'acquisition de la langue. Les erreurs des élèves

doivent être utilisées de manière constructive pour développer leur apprentissage.

- La langue cible doit être utilisée le plus souvent possible.
- Les élèves doivent être encouragés à tirer parti de leurs compétences linguistiques existantes et des stratégies d'apprentissage acquises.
- Des méthodes et approches pédagogiques variées doivent être utilisées.
- Des méthodes pédagogiques différenciées doivent être utilisées pour satisfaire les différents besoins de tous les élèves.
- Il convient de tirer le meilleur parti des différents modes d'apprentissage, rythmes d'apprentissage, compétences sociales, points forts et points faibles des élèves.
- Les élèves acquerront une bonne maîtrise de la langue, des connaissances exactes et une indépendance en se servant de diverses ressources pédagogiques, dont l'informatique (les TIC : technologies de l'information et de la communication).
- Une bonne maîtrise de la langue dans un contexte défini présuppose la compréhension progressivement établie de la langue en tant que système.
- La priorité doit être accordée à la fonctionnalité lors de l'enseignement de la grammaire, de la morphologie et du vocabulaire.
- Les compétences sociolinguistiques des élèves doivent aussi être développées par une sensibilisation à des aspects tels que le registre de langue ou les variétés de la langue.

Le cours de Maltais ONL (autre langue nationale) a été introduit dans le système des Écoles européennes en septembre 2012, à la suite de l'approbation par le Conseil supérieur, le 15 avril 2011, du document relatif à « la structure des études et l'organisation des cours aux Écoles européennes » (2011-01-D-33). Le programme ci-après est un nouveau programme qui suit le document mentionné plus haut. Il démarre en maternelle pour continuer en primaire et en secondaire et finalement amener les élèves au Baccalauréat européen.

Les dispositions suivantes relatives à l'horaire de cours s'appliquent à l'autre langue nationale (ONL) au cycle primaire :

| | |
|---|---|
| Maternelle | 2 périodes de 30 minutes par semaine |
| Primaire (P1-P5) | 2 périodes de 45 minutes par semaine |

Les classes sont « protégées », c'est-à-dire qu'elles sont formées quel que soit le nombre d'élèves de Catégorie I ou de Catégorie II.

Ce programme d'autre langue nationale pour les élèves ayant terminé le cycle primaire vise à exploiter les compétences déjà acquises par les élèves et à développer plus avant leurs connaissances et leurs compétences linguistiques en maltais. Il vise à promouvoir l'utilisation naturelle et communicative de la langue et a pour but de préparer les apprenants à suivre des cours de maltais au troisième cycle s'ils le souhaitent. Il cherche à doter les élèves de la capacité de traiter et d'utiliser différents types de textes et à leur faire mieux connaître la langue, la culture et la littérature maltaises.

Le programme de Maltais ONL est basé sur le *Cadre européen commun de référence pour l'enseignement et l'apprentissage des langues étrangères* et le *Cadre européen des compétences clés pour l'éducation et la formation tout au long de la vie*.

Par ses objectifs, son contenu et ses méthodes, ce programme reflète une base harmonisée commune aux Écoles européennes dans le domaine des langues modernes, qui est déjà utilisée par de nombreux systèmes nationaux.

Ce programme met l'accent sur les connaissances et compétences à acquérir pour la fin de chaque cycle et comprend les objectifs généraux, les principes didactiques, les objectifs d'apprentissage, le contenu et l'évaluation. Il présente les acquis de l'apprentissage qui seront attendus des élèves à la fin de chaque cycle et décrit les connaissances et compétences que ceux-ci acquerront afin de pouvoir communiquer de manière efficace.

La structure du programme est volontairement brève, mais elle est développée dans un commentaire en annexe. La Learning Gateway peut fournir un forum où trouver des directives supplémentaires, des éclaircissements ou des conseils.

## EINLEIDUNG

Der Primarbereich der Europäischen Schulen hat die beiden Ziele, formelle, fachbezogene Bildung zu vermitteln und die Persönlichkeitsentwicklung der Schüler in einem weiteren sozialen und kulturellen Kontext zu fördern. Die formelle Bildung umfasst die Aneignung von Wissen und die Erarbeitung von Verständnis, Konzepten und Fertigkeiten in den einzelnen Fachgebieten. Die Persönlichkeitsentwicklung erfolgt in einer ganzen Reihe von geistigen, moralischen, sozialen und kulturellen Kontexten. Dazu gehört das Bewusstsein von angemessenem Verhalten, Verständnis der Umgebung, in der die Schüler arbeiten und leben, und die Entwicklung ihrer Identität.
Das Curriculum des Primarbereichs kennzeichnet acht Schlüsselkompetenzen, die alle Menschen für die persönliche Erfüllung und Entwicklung, für die Wahrnehmung ihrer Rolle als aktive Bürger, für ihre Rolle im sozialen Zusammenhalt und für die berufliche Tätigkeit benötigen:

1. Kommunikation in der Muttersprache
2. Kommunikation in Fremdsprachen
3. mathematische Kompetenz und Grundkompetenzen in Wissenschaft und Technik
4. digitale Kompetenz
5. lernen, wie man lernt
6. soziale und staatsbürgerliche Kompetenzen
7. Sinn für Initiative und Unternehmergeist
8. kulturelles Bewusstsein und Ausdrucksfähigkeit.

Dass Curriculum der Europäischen Schulen zielt darauf, alle diese Schlüsselkompetenzen bei den Schülern zu entwickeln. Die Lehrpläne für die Sprachen leisten einen bedeutenden Beitrag zur Entwicklung nicht nur kommunikativer Kompetenzen, sondern auch sozialer und staatsbürgerlicher

Kompetenzen sowie zur Entwicklung von kulturellem Bewusstsein und von Ausdrucksfähigkeit.
Der Lehrplan Maltesisch/ONL zielt darauf, den Schülern die Möglichkeit zu eröffnen, die maltesische Kultur in Form von Literatur, Musik und Folklore kennenzulernen. Außerdem wird mit diesem Lehrplan angestrebt, die Schüler zu befähigen, ihre Identität und ihr europäisches Kulturerbe zu verstehen und so ihr Selbstwertgefühl und ihr Selbstvertrauen zu entwickeln.
Dem Lehren und Erlernen des Maltesischen als ONL sollen die folgenden didaktischen Prinzipien zugrunde liegen. Diese Liste ist nicht vollständig, und die Reihenfolge der Aufzählung stellt auch keine Rangfolge dar.

- Die kommunikative Sprachkompetenz ist ein übergreifendes Lernziel.
- Die Fähigkeiten im Hörverstehen und im Lesen, im dialogischen und monologischen Sprechen und im Schreiben sollen alle entwickelt werden, aber ihre Gewichtung ist je nach Klassenstufenbereich unterschiedlich.
- Beim Unterrichten sollte der Fortschritt der Schüler durch die verschiedenen Stadien des Spracherwerbs berücksichtigt werden. Die Fehler der Schüler sollten konstruktiv als Ausgangspunkt für die Entwicklung des Lernens genutzt werden.
- Die Zielsprache sollte so viel wie möglich verwendet werden.
- Die Schüler sollten ermutigt werden, ihre bereits erworbenen sprachlichen Fähigkeiten und Lernstrategien zu nutzen.
- Es sollte eine Vielfalt von Lehrmethoden und Herangehensweisen eingesetzt werden.
- Es sollten differenzierte Unterrichtsmethodiken eingesetzt werden, um den unterschiedlichen Bedürfnissen aller Schüler gerecht zu werden.
- Die unterschiedlichen Lernstile der Schüler, das Lerntempo, die sozialen Fähigkeiten, Stärken und Schwächen sollten genutzt werden, um bestmögliche Ergebnisse zu erzielen.
- Die Schüler werden flüssigen, korrekten und autonomen Sprachgebrauch erreichen, wozu sie eine ganze Reihe von Lernressourcen, einschließlich IKT, nutzen können.
- Eine gute Beherrschung der Sprache im Kontext setzt ein progressiv entwickeltes Verständnis der Sprache als System voraus.
- Beim Vermitteln von Grammatik, Morphologie und Vokabular sollte die Funktionalität im Vordergrund stehen.
- Die soziolinguistische Kompetenz der Schüler sollte entwickelt werden und das Bewusstsein für solche Aspekte einschließen wie Sprachregister, sprachliche Varianten usw.

Nachdem der Oberste Rat am 15. April 2011 das Dokument über die ‘Organisation des Unterrichts und der Kurse an den Europäischen Schulen’ (2011-01-D-33) genehmigt hatte, wurde Maltesisch als ONL (Other National Language) im September 2012 im System der Europäischen Schulen eingeführt. Der vorliegende Lehrplan ist ein neuer Lehrplan, der entsprechend dem genannten Dokument gestaltet ist. Er beginnt auf dem Niveau des Kindergartens und führt über den Primarbereich und den Sekundarbereich bis zum Europäischen Abitur.

Die folgende Stundenplanaufstellung gilt für den ONL-Unterricht im Primarbereich:

| | |
|---|---|
| Kindergarten | 2 x 30-Minuten-Unterrichtseinheit pro Woche |
| Primarklassen P1-P5 | 2 x 45-Minuten-Unterrichtseinheit pro Woche |

Die Klassen sind 'geschützt'; d.h. sie werden gebildet, unabhängig davon, wie viele Schüler der Kategorie I oder II für die Teilnahme gemeldet werden.

Dieser Post-Primar-Lehrplan für ONL baut auf den von den Schülern bereits erworbenen Fähigkeiten auf und hat die weitere Entwicklung ihrer Kenntnisse und sprachlichen Fähigkeiten in Maltesisch zum Inhalt. Er zielt auf die Förderung des natürlichen, kommunikativen Gebrauchs der Sprache und soll die Lerner darauf vorbereiten, nach der Sekundarschule weiterführende Kurse zu besuchen, falls sie dies wünschen. Er soll die Schüler befähigen, mit verschiedenen Texttypen zu arbeiten, und er soll ihnen ein tieferes Bewusstsein von der maltesischen Sprache, Kultur und Literatur vermitteln.

Der Lehrplan für die ONL Maltesisch beruht auf dem *Gemeinsamen Europäischen Referenzrahmen für Sprachen* und dem *Europäischen Rahmen für Schlüsselkompetenzen für lebenslanges Lernen*

Der Lehrplan spiegelt in seinen Zielen, im Inhalt und den Methoden eine gemeinsame, harmonisierte Grundlage auf dem Gebiet der lebenden Sprachen für die Europäischen Schulen, die bereits von vielen nationalen Systemen genutzt wird.

Der Lehrplan stellt die Kenntnisse und Kompetenzen in den Mittelpunkt, die am Ende jeder Klassenstufe erreicht werden sollen; er schließt allgemeine Ziele, didaktische Prinzipien, Lernziele, Inhalte und Bewertung ein. Er stellt die Lernergebnisse dar, die die Schüler am Ende jedes Klassenstufenbereichs erreichen sollen, und beschreibt die Kenntnisse und Fähigkeiten, die sie entwickeln werden, um effektiv kommunizieren zu können.

Die Struktur des Lehrplans ist absichtlich kurz gehalten, wird jedoch durch einen Kommentar ergänzt (Anhang). Die Plattform Learning Gateway kann ein Forum für ergänzende Leitlinien, Klärung oder Beratung bieten.

## 1. Id-Daħla

Dan huwa sillabu ġdid għat-tagħlim tal-Malti bħala l-Lingwa Nazzjonali Oħra (ONL) minn meta nħoloq dan il-kors ta' studju approvat b'deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi meħuda fil-15 t'April 2011 fuq id-dokument 2011-01-D-33-en-7 li jirregola dan il-kors ta' studju.

It-tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel Ewropej jibda sa mis-snin bikrin (maternelle) u jitkompla fil-primarja u wara fis-sekondarja fejn jista' jittieħed ukoll bħala wieħed mis-suġġetti għall-Bakkalawrejat Ewropew.

It-tqassim tal-lezzjonijiet fiċ-ċikli kollha tal-edukazzjoni sħiħa huwa spjegat fit-tabella:

| | |
|---|---|
| Is-Snin Bikrin | 2 lezzjonijiet ta' 30 minuta l-waħda, fil-ġimgħa |
| Is-Snin tal-Primarja P1-P5 | 2 lezzjonijiet ta' 45 minuta l-waħda, fil-ġimgħa |
| Is-Snin tas-Sekondarja S1 – S3 (l-ewwel ċiklu) | 2 lezzjonijiet ta' 45 minuta l-waħda, fil-ġimgħa |
| Is-Snin tas-Sekondarja S4 – S5 (it-tieni ċiklu) | 2 lezzjonijiet ta' 45 minuta l-waħda, fil-ġimgħa |
| Is-Snin tas-Sekondarja S6 – S7 (it-tielet ċiklu) | 2 lezzjonijiet ta' 45 minuta l-waħda, fil-ġimgħa |

Il-klassijiet huwa 'protetti' jiġifieri l-Malti bħala kors ONL jingħata lill-istudenti kollha ta' Kategorija 1 jew 2 li jiddeċiedu li jagħżluh.

Dan is-sillabu tas-snin bikrin u primarja jara li jagħti l-ħiliet bażiċi u meħtieġa lill-istudenti biex jikkomunikaw bil-Malti u jibdew jiżviluppaw l-għarfien u l-kompetenzi lingwistiċi tagħhom fil-Malti. Huwa maħsub biex jagħti lill-istudenti bażi soda u l-għodda meħtieġa biex jikkomunikaw b'mod mexxej u naturali bil-Malti u b'hekk ikunu jistgħu, jekk iridu, jkomplu jistudjawh fil-klassijiet tas-sekondarja. Is-sillabu se jlaqqagħhom ma' għadd ta' testi ta' ġeneri differenti u jagħtihom il-ħiliet meħtieġa biex jifhmuhom u anke jipproduċu oħrajkn simili għalihom.B'hekk huma jibdew iduqu l-aspetti differentu tal-lingwa, il-kultura u l-letteratura Maltija.

Is-sillabu tal-Malti ONL huwa mibni fuq il-Qafas ta' Referenza Komuni Ewropea għat-Tagħlim tal-Lingwi Barranin(*Common European Framework of Reference for the Teaching and Learning of Foreign Language*s) u fuq Il-Qafas Ewropew tal-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja (*European Framework for Key Competences for Lifelong Learning).* Għalhekk dan is-sillabu fih livell għoli ta' xebh u qbil fejn jidħlu għanijiet, kontenut u metodoloġiji ma' dawk ta' lingwi oħra moderni li jintużaw kemm fl-Iskejjel Ewropej kif ukoll f'ħafna mis-sistemmi edukattivi tal-Istati Membri.

Dan is-sillabu jiffoka ħafna fuq il-kompetenzi u l-għarfien meħtieġ tal-Malti li jridu jinkisbu sa tmiem l-edukazzjoni primarja. Is-sillabu fih dawn it-taqsimiet: l-għanijiet ġenerali tal-Iskejjel Ewropej, il-prinċipji didattiċi rakkomandati għat-tagħlim tal-Malti f'dawn l-ewwel snin, il-kisbiet mit-tagħlim, deskrizzjoni tal-kontenut biex jintlaħqu l-miri u l-kompetenzi mixtieqa kif ukoll suġġeriment għall-assessjar flimkien mad-deskritturi tal-kisbiet milħuqa.

Deskrizzjoni ddettaljata tal-kisbiet mit-tagħlim li l-istudenti mistennija jilħqu fi tmiem il-fażi tal-primarja tingħata f'dan is-sillabu. L-enfasi ewlenija f'dan l-istadju ta' tagħlim għandha tkun il-kisba tal-ħiliet komunikattivi tal-lingwa flimkien ma' għarfien tal-kultura Maltija. Għalhekk fil-klassi għandha tingħata importanza kbira lill-aspetti komunikattivi tal-lingwa Maltija, bħas-smigħ u t-taħdit, kif ukoll lil dawk kreattivi bħall-qari u l-kitba. Hekk f'dawn is-snin bikrin u tal-primarja, tkun qed tingħata importanza lill-aspett funzjonali tal-lingwa marbut mal-użu tal-Malti fil-ħajja ta' kuljum.

## 2. L-Għanijiet Ġenerali tal-Iskejjel Ewropej

L-Iskejjel Ewropej għandhom żewġ għanijiet ewlenin:
i) li jipprovdu edukazzjoni formali bbażata fuq is-suġġetti mgħallma u
ii) li jħeġġu l-iżvilupp personali tal-istudenti f'kuntesti soċjali u kulturali usa'.

L-edukazzjoni formali tinvolvi l-kisba tal-għerf u l-fehim, kunċetti u kompetenzi fi ħdan l-oqsma ta' kull suġġett. L-istudenti għandhom jitgħallmu jiddeskrivu, jinterpretaw, jiġġudikaw, u japplikaw l-għarfien tagħhom. L-iżvilupp personali jibda jseħħ hekk kif jitqiegħed f'kuntesti spiritwali, morali, soċjali u kulturali. Dan jinvolvi kuxjenza ta' mġiba tajba, u fehim fuq l-ambjent ta' fejn l-istudenti jaħdmu, jgħixu u jiżviluppaw l-identità individwali tagħhom.

Dawn iż-żewġ għanijiet ewlenin huma inseparabbilment indokrati fil-kuntest ta' kuxjenza għanja li għandhom il-kulturi Ewropej. Din il-kuxjenza u l-esperjenza ta' ħajja Ewropea mqassma ma' kulħadd, għandha tiggwida l-istudenti lejn rispett għat-tradizzjonijiet ta' kull pajjiż Ewropew, waqt li tippriserva l-identitajiet individwali tagħha.

L-istudenti tal-Iskejjel Ewropej huma ċ-ċittadini t'għada tal-Ewropa u tad-dinja. Għaldaqstant, huma jkollhom bżonn medda ta' kompetenzi jekk kemm-il darba jridu jilqgħu l-isfidi ta' dinja li qed tinbidel malajr. Fl-2006 il-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew addottaw il-Qafas Ewropew għall-Ħiliet Bażiċi għal Tagħlim Tul il-Ħajja. Dan jidentifika tmien kompetenzi bażiċi li l-individwi kollha jeħtieġu għal tisħiħ personali u żvilupp, għal ċittadinanza attiva, għal inklużjoni soċjali u għal xogħol:

1. il-komunikazzjoni bil-lingwa omm
2. il-komunikazzjoni b'lingwi barranin
3. il-kompetenza matematika u l-kompetenzi bażiċi fix-xjenza u t-teknoloġija
4. il-kompetenza diġitali
5. it-tagħlim biex titgħallem
6. il-kompetenzi soċjali u ċiviċi
7. is-sens ta' inizjattiva u intraprenditorija
8. il-kuxjenza kulturali u l-espressjoni

## 3. Il-Prinċipji u l-Metodoloġiji tat-Tagħlim

L-għanijiet edukattivi ewlenin ta' dan is-sillabu huma li :

- l-istudenti jħossuhom komdi jużaw l-ilsien Malti, kemm fil-fehim kif ukoll fl-espressjoni, filwaqt li jibdew jaħkmu l-kompetenzi lingwistiċi tal-Malti,
- jassigura l-preservazzjoni u l-iżvilupp kontinwu tal-ilsien Malti, bħala l-lingwa omm tal-istudenti,
- jippromwovi l-identità kulturali tal-istudenti,
- jqarreb lill-istudenti lejn id-dinja Maltija, il-kultura, il-kundizzjonijiet tal-ħajja u s-soċjetà, u
- jagħti l-faċilità għal aktar studji bil-Malti għal edukazzjoni ogħla.

L-edukaturi għandhom iżommu ruħhom aġġornati mal-istrateġiji pedagoġiċi u l-kunċetti l-aktar riċenti sabiex ikunu jistgħu jifhmu aħjar u jirrispondu għall-bżonnijiet tal-istudenti. L-istrateġija Ewropea *Education and Training 2020* tpoġġi enfasi partikolari fuq ir-rwol tal-għalliema fil-ħajja tal-istudenti tagħhom. L-għalliema għandhom irwol kruċjali fil-gwida tal-istudenti sabiex jilħqu l-għanijiet tagħhom filwaqt li jifformulawlhom il-perċezzjonijiet tagħhom (*European Commission, 2015*).

Qabelxejn il-Malti bħala lingwa nazzjonali oħra (ONL) huwa mezz ta' komunikazzjoni u, għaldaqstant, l-istudenti jeħtieġu jiżviluppaw il-ħiliet tal-lingwa meħtieġa biex jikkomunikaw ma' ħaddieħor bil-Malti. Il-ħiliet lingwistiċi tal-Malti huma meħtieġa sabiex wieħed jikkomunika bil-Malti u għandhom jiġu żviluppati b'mod integrat, filwaqt li jirriflettu l-użu tagħhom f'sitwazzjonijiet mill-ħajja ta' kuljum. Sabiex jgħinu f'dan il-proċess, fejn hu possibbli, l-għalliema u l-istudenti għandhom jużaw il-lingwa Maltija waqt l-interazzjoni fil-klassi. Il-klassi għandha ssir il-post fejn jiġi mitkellem il-Malti. L-istudenti għandhom jiżviluppaw il-ħiliet tat-taħdit, is-smigħ, il-qari u l-kitba sabiex ikunu jistgħu jifhmu u jikkomunikaw ma' ħaddieħor f'sitwazzjonijiet u kuntesti reali. L-istudenti għandhom jiżviluppaw fehim tal-istruttura tal-lingwa Maltija u jkunu kapaċi jorbtuh mal-istruttura tal-lingwi li diġà jafu.

L-edukaturi għandhom ifittxu li jużaw bl-aħjar mod riżorsi rilevanti, ta' kwalità għolja u li joffru sfida, li jeżistu, f'firxa wiesgħa ta' temi, u fejn hu possibbli, jipprovaw jintroduċu l-Temi Krosskurrikulari permezz ta' għażla bil-għaqal ta' riżorsi. L-istrateġiji tat-tagħlim għandhom jinkludu proporzjon għoli ta' opportunitajiet fejn l-istudenti jieħdu sehem attiv fit-tagħlim tagħhom kif ukoll f'episodji ta' tagħlim dirett.

L-ippjanar tal-lezzjonijiet għandu jinkludi l-użu xieraq tat-teknoloġija diġitali sabiex jissaħħaħ it-tagħlim. L-użu tat-teknoloġija għandu jkun imsaħħaħ bit-tagħlim u r-riflessjoni ta' xi tfisser li tiżviluppa l-kompetenzi marbuta mal-Litteriżmu Diġitali. It-tagħlim tal-Malti bħala lingwa nazzjonali oħra jgħin ukoll biex titqajjem kuxjenza fuq il-kultura Maltija filwaqt li jgħin fl-introduzzjoni ta' perċezzjonijiet kulturali differenti u twemmin fuq prattiċi differenti. Dan jippermetti lill-istudenti japprezzaw il-viżjonijiet tal-oħrajn filwaqt li jifhmu kif il-viżjonijiet tagħhom jaħdmu fi ħdan kuntest usa'.

Il-metodoloġiji ta' tagħlim li jintużaw għandhom ikunu maħsuba, l-ewwel u qabel kollox, għad-diversità fit-tagħlim, l-interessi, il-ħiliet u l-limitazzjonijiet tal-istudent. Wieħed mill-fatturi ewlenin huwa li jinħoloq ambjent ta' tagħlim li jwassal lill-istudenti,

billi qabelxejn jidentifika l-interessi u l-istili ta' tagħlim tal-istudenti u jipprovdi sapport meta, kif u fejn meħtieġ.

Il-metodu ta' tagħlim għandu jkun wieħed li jiffoka b'mod speċjali fuq l-approach komunikattiv fejn il-kuntesti ppreżentati jkunu mill-aktar realistiċi u soċjalment kuntestwalizzati.

Għandhom jintużaw riżorsi addattati li huma kuntestwalizzati, moderni, interattivi, attraenti u dinamiċi sabiex il-Malti bħala Lingwa Nazzjonali Oħra (ONL) jiġi ppreżentat bħala lingwa ħajja u sabiħa li tħeġġeġ lill-istudenti jieħdu gost jitgħallmuha. Għandu jiġi allokat numru xieraq ta' sigħat fil-ġimgħa għat-tagħlim ta' dan is-suġġett sabiex ikun jista' jiġi mgħallem b'mod adegwat filwaqt li jintlaħqu l-ħiliet ippjanati.

L-edukaturi għandhom jiggwidaw lill-istudenti sabiex jieħdu sehem fil-proċess tat-tagħlim tal-lingwa u għaldaqstant il-pedagoġija għandha tkun waħda miftuħa għal forom ta' tagħlim li fihom l-istudenti jikkollaboraw u jitgħallmu b'mod interattiv ma' xulxin u mingħand xulxin. It-tagħlim għandu jinkludi attivitajiet li jagħtu gost u li huma ta' interess għall-istudenti biex jgħinuhom jitgħallmu l-lingwa permezz tal-istil preferit tagħhom ta' tagħlim filwaqt li jieħdu idea ta' modi differenti ta' tagħlim.

L-użu ta' attivitajiet fuq bażi individwali, f'pari jew fi gruppi jgħinu lill-istudenti jiksbu għarfien tal-lingwa permezz ta' attivitajiet individwali u interattivi. Dan it-tip ta' tagħlim juża' forom differenti ta' xogħlijiet li jgħinu lill-istudenti jesploraw aspetti varji tal-lingwa permezz ta' riżorsi u materjali differenti. Li jiġu esposti għal lingwaġġ awtentiku fil-klassi permezz ta' vidjows u t-teknoloġija tal-informatika jgħin ħafna fl-esperjenza tat-tagħlim. L-esperjenzi tat-tagħlim formali u informali jikkontribwixxu għal xenarju tat-tagħlim filwaqt li jippromwovu t-tagħlim fil-klassi u barra l-klassi permezz tal-użu ta' testi (is-smigħ u l-qari), filwaqt li jiġu esposti għal kelliema li jużaw il-lingwa li qed tiġi mgħallma u materjal mill-ħajja reali. It-tagħlim mhux qed jitqies biss bħala r-riżultat tal-attivitajiet fil-klassi. L-istudenti qed jiġu mħeġġa ta' sikwit sabiex jikkontribwixxu fit-tagħlim tal-klassi permezz ta' attivitajiet ta' tagħlim informali u xogħol li jsir barra mill-ħin tal-lezzjoni.

Il-kisbiet mit-tagħlim tal-Malti f'dan is-sillabu nkitbu b'tali mod li l-edukaturi jużaw appraches li jaddottaw it-tagħlim li jinvolvi jinvolvi lill-istudenti b'mod attiv f'numru ta' kuntesti. Dawn jistgħu jippermettu lill-edukaturi jduru lejn tagħlim li jiffoka fuq l-istudenti u l-istrateġiji tat-tagħlim. Dan ifisser li jsiru jafu l-ħafna modi li bihom l-istudenti huma differenti minn xulxin, liema mill-ħafna metodi jagħmlu sens fit-tagħlim attwali u kif għandhom jaffrontaw din il-varjetà b'tali mod li joffru sapport lill-istudenti fuq bażi individwali filwaqt li jgħinuhom jipprogressaw.

### Il-Metodu Komunikattiv

Wieħed mill-metodi li qed jiġi propost għal dan is-suġġett huwa l-metodu komunikattiv. Dan iwaqqa' l-ħitan tal-klassi u jippreżenta lill-istudenti b'kuntesti u sitwazzjonijiet realistiċi li jqanqlu l-bżonn naturali għall-komunikazzjoni. Permezz tal-metodu komunikattiv, is-sitwazzjonijiet ippreżentati fil-klassi mill-għalliema, huma sitwazzjonijiet li l-istudenti se jsibu ruħhom fihom fil-ħajja tagħhom ta' kuljum bħal

ngħidu aħna: ix-xiri, waqt il-logħob u l-bqija. It-temi u s-suġġetti ppreżentati fil-klassi m'għandhomx ikunu miftuma mir-realtajiet tal-istudenti, anzi jridu jittrattaw suġġetti rilevanti u hekk jiksbu tifsir, sinifikat u jġorru importanza għall-istudenti. Il-kuntest f'dan il-metodu ta' tagħlim huwa importanti għax huwa l-ħamrija fertili li l-għalliema se jipprovdu għat-tagħlim tal-Malti bħala Lingwa Nazzjonali Oħra.

Ir-rwol tal-għalliema b'dan il-metodu huwa dak li jiffaċilitaw it-tagħlim lill-istudenti. Il-fus tal-lezzjoni, apparti l-ippjanar min-naħa tal-għalliema, huwa l-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti. F'lezzjoni ta' dan il-metodu, l-istudenti se jkunu qed jipparteċipaw, jiddiskutu, jitkellmu, jaħsbu, iwieġbu lil xulxin, jirriflettu, janalizzaw u jikkritikaw b'mod kostruttiv fehmiet xulxin u jaġixxu għas-sitwazzjonijiet li jinbtu mill-kuntesti reali ppreżentati. Dan kollu se jrawwem fihom kunfidenza biex meta jkunu f'kuntesti soċjali fl-iskola u barra mill-iskola, ikunu jistgħu jinteraġixxu b'kunfidenza għax diġà kienu esposti għalihom u midħla tagħhom.

## Suġġerimenti ta' metodoloġiji tat-tagħlim

L-edukaturi jistgħu:

• għas-smigħ u t-taħdit,
jużaw attivitajiet fil-klassi bħala evidenza informali tal-ħila tal-istudenti li jifhmu u jirrispondu b'mod komdu fit-teħid ta' istruzzjonijiet u r-rispons (għal-livelli l-baxxi) u f'konverżazzjoni u/jew rwoli drammatizzati (għal-livelli ogħla). L-istudenti jistgħu jintalbu jisimgħu informazzjoni bħal fatti (jew il-parti l-aktar importanti) minn bullettini tal-aħbarijiet, artikli minn gazzetti jew simulazzjoni ta' avviżi bħala attività fil-klassi.

• għat-taħdit u l-pronunzja,
jippjanaw li jużaw il-ħiliet tal-istudenti f'attivitajiet ta' taħdit f'pari jew fi gruppi sabiex jibnu stampa kontinwa tal-ħiliet tal-istudenti biex jirrispondu f'konverżazzjonijiet jew rwoli drammatizzati. Huwa dejjem possibbli li jkun hemm xi attivitajiet minn dawn irrekordjati bħala evidenza.

• għall-ħiliet tal-qari,
attivitajiet ippjanati bħal tiftix fuq siti mill-internet għall-informazzjoni fuq proġett, il-qari minn firxa ta' testi jew minn proża sabiex tittieħed it-tifsira xierqa kollha huma attivitajiet tajbin. L-ippjanar bilgħaqal tal-għażla tar-riżorsi tippermetti ħolqien ta' riżorsi differenti li jassiguraw li l-istudenti jistgħu jaċċessaw l-istess taħriġ.

• għall-kitba,
jużaw il-ħiliet tal-istudenti f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' kitba fil-klassi bħala indikaturi kontinwi tal-progress. Dawn jistgħu jinkudu istruzzjonijiet miktuba għal xi logħba, il-kitba ta' aħbarijiet fuq xi blogg tal-klassi, il-ħolqien ta' slajds bil-PowerPoint jew sempliċement il-kitba tal-ideat tagħhom fuq tema partikolari.

## Modi kif l-għalliema jagħtu s-setgħa lill-istudenti filwaqt li tgħinhom jirnexxu

L-għalliema għandhom jaraw li joħolqu ambjent dinamiku tat-tagħlim permezz ta':

- l-immaniġġjar tal-klassi u l-ħolqien ta' opportunitajiet għall-istudenti biex jaħdmu
  b'mod individwali, f'pari jew fi gruppi,
- il-bidla fit-tqassim tal-klassi skont it-tagħlim li jkun qed isir,
- il-ħolqien ta' attivitajiet differenti, li jippermettu lill-istudenti jagħżlu l-livell ta' involviment u sfida,
- l-użu ta' għażla ta' riżorsi differenti bi ħsieb, u
- l-preżentazzjoni ta' modi differenti kif tista' tiġi mgħallma l-istess ħaġa.

L-għalliema għandhom jaraw li jinvolvu lill-istudenti permezz ta':

- ħolqien ta' sens ta' 'pussess' min-naħa tal-istudenti tal-proċess tat-tagħlim billi, pereżempju, huma jkollhom iċ-ċans jagħżlu l-proġett tagħhom,
- għajnuna lill-istudenti biex juru l-fehim tagħhom b'modi differenti permezz ta' mezzi li jagħżlu huma stess, sew jekk preżentazzjoni viżiva, orali jew fiżika,
- bini ta' ħiliet għolja ta' ħsibijiet bl-użu tat-tassonomija ta' Bloom (f'kull livell) u l-ħidma permezz tal-kisbiet mit-tagħlim tal-Malti biex it-tagħlim ikun wieħed interessanti, utli u joffri sfidi tant li jingħataw dimensjoni usa' jew jintużaw b'modi differenti. Dan jista' jsir billi l-istudenti jingħataw xogħol li jinvolvi s-soluzzjoni ta' problemi filwaqt li jingħataw l-opportunità li jittrasferixxu u japplikaw l-għarfien għal kuntest ġdid.

L-istudenti jirnexxu u jiksbu l-miri tat-tagħlim billi:

- sa minn età bikrija jiġu introdotti għall-istrateġiji ewlenin tat-tagħlim bħal *Nitgħallem kif Nitgħallem* u t-*Tagħlim Kooperattiv*,
- jiġu diksussi magħhom l-għanijiet tat-tagħlim f'kull lezzjoni, u b'hekk isiru konxji ta' x'inhu mistenni li jitgħallmu mat-tmiem tal-lezzjoni,
- jkunu konxji tal-istili differenti tat-tagħlim;
- jiġu mgħallma t-teknikalitajiet biex jitgħallmu kontenut ġdid bl-użu ta' metodi viżivi, ta' smigħ u kinestetiċi għat-tagħlim bl-użu ta' strateġiji varji tat-tagħlim bil-għan li jipprovdu għall-bżonnijiet tal-istudenti li jitgħallmu aktar b'mod viżiv, ta' smigħ u kinestetiku,
- jitgħallmu kif ikunu inqas dipendenti fuq l-għalliema, pereżempju, kif ser 'jinqalgħu' mill-problema meta jeħlu?
- jużaw ix-xogħoli fi gruppi biex japprezzaw ideat u personalitajiet differenti, iżidu l-kunfidenza meta jiddiskutu l-ideat tagħhom ma' oħrajn, jikkollaboraw ma' studenti oħrajn bħala parti mit-tagħlim tagħhom, ifittxu l-għajnuna u s-sapport mingħand studenti oħra meta u fejn meħtieġ, jitkellmu mal-oħrajn fuq it-tagħlim, jisimgħu lill-oħrajn jitkellmu fuq it-tagħlim tagħhom filwaqt li jiddiskutu suġġetti varji u strateġiji ta' tagħlim ma' sħabhom (billi jintużaw gruppi ta' abbiltajiet differenti).

**It-tagħlim ta' livelli differenti fl-istess sena**

F'kull klassi ser ikun hemm studenti li jkollhom bżonn aktar żmien biex jilħqu t-tagħlim meħtieġ u b'hekk jilħqu l-livell tal-kisbiet mit-tagħlim tal-Malti. Mal-progress tal-istudenti fil-mixja tagħhom ta' tagħlim huma jistgħu jgħaddu għal sena ġdida u

jibdew livell ġdid iżda jkun għad fadlilhom partijiet fejn ikun hemm xi nuqqasijiet fit-tagħlim mil-livell preċedenti. L-aktar fattur importanti hawn huwa li l-informazzjoni fuq il-progress tkun waħda kemm jista' jkun ċara li tinforma lill-għalliema l-ġodda bl-għajnuna jew bix-xogħol addizzjonali li jkollhom bżonn l-istudenti sabiex ikunu żguri li dan il-progress fillivell il-ġdid ikun attwat.

It-tagħlim ta' studenti differenti f'kull livell jeħtieġ firxa ta' strateġiji maħsuba biex jirrispondu għall-preferenzi ta' tagħlim differenti tal-istudenti kollha. Meta jkun hemm studenti fil-klassi li jeħtieġu aktar sapport biex jilħqu xi aspetti mil-livell preċedenti huwa importanti li:

- ikun hemm informazzjoni ċara fuq l-oqsma li fihom jeħtieġu s-sapport,
- ikun ċar kif dawn l-oqsma jintrabtu mal-progress u l-kisba ta' riżultati fil-livell il-ġdid,
- ikun hemm firxa ta' strateġiji u metodi ta' tagħlim li jistgħu jintużaw biex jgħinu u jirfdu l-istil ta' tagħlim mal-preferenza tal-istudenti għal skop ta' progress bikri,
- l-konverżazzjoni mal-istudenti fuq l-oqsma li jeħtieġu sapport jew infurzar tibqa' waħda pożittiva u kostruttiva.

## 4. Il-Kisbiet mit-Tagħim tal-Malti bħala Lingwa Nazzjonali Oħrals-Snin Bikrin

### It-Taħdit

- Nitkellem b'mod sempliċi imma repetittiv u bil-mod. Xi drabi jkolli ntenni kliemi b'mod differenti u nirranġa fejn meħtieġ biex nikkomunika.
- Nwieġeb mistoqsijiet sempliċi fuq oqsma marbutin mal-ħtigijiet tiegħi jew fuq temi li naf u jien familjari ħafna magħhom.
- Nuża frażijiet sempliċi u komuni ta' tislim, ringrazzjamenti u talbiet li jintużaw fil-ħajja ta' kuljum biex nitkellem ma' xi ħadd.
- Inbassar it-tmiem ta' storja ħafifa li tkun bdiet tinqrali.
- Nitkellem bi kliem sempliċi u frażijiet ħfief fuq stampa li nara u li jkun fiha storja.
- Nitlob xi affarijiet u ħwejjeġ lin-nies ta' madwari.
- Ngħid taqbiliet bin-numri minn 1 sa 10, bil-kuluri ewlenin, bil-jiem tal-ġimgħa u l-bqija.
- Nifhem espressjonijiet sempliċi użati fil-ħajja ta' kuljum u li jaqduni f'dak li nkun neħtieġ fir-rutina tal-ħajja ta' kuljum basta dawn jingħaduli b'mod ċar, bil-mod u fejn meħtieġ jiġu ripetuti.
- Nifhem, inwieġeb u nwettaq istruzzjonijiet, direzzjonijiet u mistoqsijiet qosra, ħfief u li jsiruli bil-mod.
- Nuża ftit espressjonijiet bażiċi bil-Malti mill-ħajja ta' kuljum biex nitkellem.
- Nuża repertorju limitat ta' kliem u frażijiet sempliċi marbutin ma' sitwazzjonijiet tal-ħajja tiegħi ta' kuljum.
- Nippronunzjaw u nartikula sewwa ġabra żgħira ta' kliem ħafif għalkemm naf ukoll ngħid għadd ta' kliem ieħor mhux bi pronunzja u artikulazzjoni nattiva ili jinftiehem b'xi ftit tbatija mill-kelliem nattiv.

### Is-Smigħ

- Nieħu pjaċir nisma' stejjer, kant u taqbiliet.

- Nisma’ b’attenzjoni u nwieġeb b’mod xieraq għal dak li jinqarali bħal stejjer, taqbiliet qosra, għanjiet tat-tfal u l-bqija.
- Nisma’ u nagħraf kliem familjari u espressjonijiet bażiċi, li jingħadu bil-mod u ċari, fuqi, fuq il-familja tiegħi, u l-ambjent ta’ madwari.
- Insegwi u nifhem diskors li jingħadli bil-mod ħafna u artikulat tajjeb u ċar b’waqfiet twal bejn biċċa u oħra biex inkun nista’ naqbad dak li jkun ingħadli.
- Nisma’ u nsegwi istruzzjonijiet mogħtija bil-mod u bi kliem ħafif kif ukoll direzzjonijiet qosra u sempliċi.
- Nibda ninduna li hemm rabta bejn il-ħsejjes li nisma’ u li dawn jistgħu jinkitbu b’mod grafiku (ie nibda nagħraf ir-rabta bejn il-ħoss u l-kitba tal-ittri).

**Qabel il-Qari**

- Nibda niżviluppa interess fil-kotba.
- Nibda ninduna li l-kitba twassal messaġġ.
- Nibda ninduna li l-lingwa tinkiteb mix-xellug għal-lemin.
- Nibda nassoċja ħsejjes ma’ xi ittri.
- Nagħraf xi ftit kliem.
- Ninduna bl-elementi prinċipali tal-istejjer, bħall-karattri u s-sekwenza tal-ġrajjiet.

**Qabel il-Kitba**

- Nibda nesperimenta b’taħżiż u nassoċja t-taħżiż m’oġġett.
- Nieħu pjaċir u nimmaġina li qed nikteb.
- Nipprova npenġi linji u ċrieki.
- Nagħraf li l-kitba u t-tpinġija huma differenti.
- Nuża xi ittri sabiex inwassal messaġġ.
- Nikteb b’mod tajjeb xi ħsejjes.
- Nibda nikteb xi ittri b’mod ċar.
- Nipprova nikteb ismi waħdi.

**Is-Snin tal-Primarja**
**P1-P2**

**Is-Smigħ**

- Nifhem espressjonijiet ta’ kuljum li jittrattaw eżiġenzi sempliċi u konkreti f’taħdita ċara, bil-mod u ripetittiva, bħal espressjonijiet komuni bħal: *bonġu, saħħa, grazzi, m’hemmx imniex, għandi pjaċir u l-lejl it-tajjeb.*
- Insegwi taħdita sempliċi u qasira, fuq affarijiet li naf, artikolata b’mod ċar, b’pawsi twal sabiex inkun kapaċi nifhem.
- Nifhem mistoqsijiet u istruzzjonijiet u nsegwi direzzjonijiet sempliċi u qosra.

- Nifhem in-numri sal-10 u l-ħinijiet (it-tqassim ġenerali tal-jum bħal *filgħodu, waranofsinhar, billejl, u l-bqija*)

**It-Taħdit**

- Naf nerġa' nirrakkonta storja qasira li nkun diġà smajt, nirrepeti taqbiliet u kanzunetti ħfief li nkun smajt u kantajt.
- Nieħu sehem f'konverżazzjoni sempliċi fuq tema familjari ghalija, sakemm il-persuna l-oħra titkellem bil-mod u tirrepeti, biex nifhem aħjar.
- Nistaqsi u nwieġeb mistoqsijiet sempliċi dwar suġġetti ta' kuljum.
- Nuża frażijiet u sentenzi sempliċi biex niddeskrivi fejn noqgħod u n-nies li naf.

**Il-Kitba**

- Nikteb noti sempliċi lill-ħbieb, bħal nota u messaġġ qasir.
- Niddeskrivi fejn noqgħod.
- Nimla formoli sempliċi b'dettalji personali ħfief.
- Nikteb frażijiet sempliċi.
- Nikteb kartolini sempliċi u qosra.

**Il-Qari**

- Nifhem l-idea ġenerali ta' siltiet sempliċi ta' informazzjoni u deskrizzjonijiet qosra u sempliċi, speċjalment dawk li fihom stampi bħala għajnuna, bħal *kartellun, kartolina, skeda fuq gazzetta u l-bqija.*
- Nifhem testi qosra u sempliċi billi norbot flimkien ismijiet familjari, kliem u frażijiet bażiċi meta naqra t-test aktar minn darba.
- Insegwi istruzzjonijiet qosra, sempliċi u miktubin, speċjalment dawk li fihom stampi bħala għajnuna.
- Nagħraf ismijiet familjari, kliem u frażijiet sempliċi fuq avviżi qosra użati f'sitwazzjonijiet ta' kuljum.
- Nifhem messaġġi qosra u sempliċi, bħal pereżempju messaġġi fuq kartolini.

**P3-P5**

**Is-Smigħ**

- Nifhem dak li qed nisma' biżżejjed biex nesprimi ruħi b'mod ħafif fuq is-suġġett.
- Nidentifika s-suġġett ta' diskussjoni sempliċi li qed tiżvolġi b'mod ċar u bil-mod.
- Nifhem diskors ċar u b'Malti standard fuq suġġetti ta' kuljum, għalkemm jaf jista' jkolli bżonn nistaqsi għal aktar għajnuna jew kjarifika.
- Nifhem, bi ftit diffikultà, id-diskors biex ninqeda fil-ħajja ta' kuljum sakemm dan ikun ċar u bil-mod.
- Nifhem frażijiet u espressjonijiet sempliċi u ħfief marbuta mal-bżonnijiet ta' kuljum bħal meta mmur nixtri minn ħanut, librerija u l-bqija.
- Nifhem direzzjonijiet sempliċi li jgħinuni nasal minn post għal ieħor bil-mixi jew bit-trasport pubbliku.
- Nifhem informazzjoni essenzjali minn siltiet qosra u rrekordjati li jittrattaw temi kurrenti li huma mwassla bil-mod u b'mod ċar.
- Nidentifika s-suġġett prinċipali tal-aħbarijiet tat-televixin fuq avvenimenti, inċidenti u oħrajn fejn il-materjal viżiv jgħin id-diskors.
- Nidentifika l-punti ewlenin f'messaġġi u avviżi qosra, ċari u sempliċi.
- Nifhem in-numri bl-għaxriet (bħal għoxrin, tletin, sittin u l-bqija sal-mija,) il-prezzijiet (għaxar ewro) u l-ħinijiet (is-sigħat)

**It-Taħdit**

- Nikkomunika f'sitwazzjonijiet ta' kuljum li jeħtieġu qsim ta' informazzjoni fuq suġġetti u attivitajiet ta' kuljum.
- Nieħu sehem f'taħdit ma' sħabi jew ma' tal-familja, anke jekk ma nifhimx kollox, imma nifhem biżżejjed biex inkompli l-konverżazzjoni.
- Nuża frażijiet u sentenzi bil-għan li niddeskrivi l-familja tiegħi u persuni oħra qrib tiegħi.

**Il-Kitba**

- Nikteb deskrizzjonijiet bażiċi u qosra ta' avvenimenti u attivitajiet.
- Nikteb ittri sempliċi u personali li jesprimu ringrazzjament, stedin u apoloġija.
- Nikteb noti u messaġġi qosra u sempliċi relatati mal-ħajja ta' kuljum.
- Niddeskrivi bil-kitba pjanijiet u appuntamenti.
- Nikteb dwar x'jogħġobni u x'ma jogħġobnix meta niddeskrivi oġġett partikolari.
- Niddeskrivi bil-kitba l-familja tiegħi u l-ambjent ta' madwari.
- Nikteb dwar attivitajiet u esperjenzi personali li kelli fil-passat.

## Il-Qari

- Naqra u nifhem testi qosra u sempliċi li fihom kliem komuni u b'Malti standard.
- Naqra u nifhem testi qosra u sempliċi relatati mal-ambjent ta' madwari.
- Naqra informazzjoni speċifika f'kitbiet bħal reklami, fuljetti u skedi ta' ħinijiet.
- Nidentifika informazzjoni speċifika f'kitbiet sempliċi bħal ittri, fuljetti u artikli qosra fil-gazzetti li jiddeskrivu avvenimenti.
- Naqra u nifhem ittri personali li huma qosra u sempliċi.
- Naqra u nifhem ittri u komunikazzjonijiet oħra ta' rutina fuq suġġetti ta' kuljum.
- Naqra u nifhem istruzzjonijiet sempliċi fuq l-użu ta' tagħmir jew apparat fil-ħajja ta' kuljum.
- Naqra u nifhem sinjali u avviżi f'postijiet pubbliċi bħat-toroq, ristoranti, fl-iskejjel u l-bqija.

## 5. Il-Kontenut:L-Aspetti Grammatikali tal-Lingwa

### P1-P2

- Għarfien fonoloġiku tal-ħsejjes tal-ittri tal-alfabett Malti.

- Permezz tal-ħsejjes li tgħallmu l-istudenti se jibdew jgħaqqdu nomi f'sillabi sempliċi. Dan isir permezz
  Tal-kitba u t-tlissin ta' kliem skont forom differenti bħal /vk/ vkv/ vkkv/
  kv/kvkv/kvk/kvkkv/kvkvk/kvkkvk/,
  eż.id/ara/Alla/ra/pupa/ħut/kaxxa/daħal/kisser/
  Tal-kitba u t-tlissin ta' kliem b'għoqod konsonantali bħal
  kvkk/kkvk/kkvkv/kkvkk u l-bqija eż., ħabb/trab/bravu/trakk/

- Il-kitba ta' kliem komuni li fih konsonanti l-istess doppji fin-nofs bħal ballun, sellum, marru, ċatta.

- Il-kitba ta' kliem komuni li fih żewġ konsonanti differenti fin-nofs bħal borma, kamra, tarġa.

- Il-kitba ta' kliem komuni b'sillaba waħda li fih il-ie bħal bieb, sieq, ħbieb, wied, ried, għax narahom miktuba u esposti viżwalment u megħjuna bl-istampi madwari fil-klassi, u fl-iskola.

- Il-kitba tal-aġġettiv man-nom, inklużi l-kuluri.

- Il-kitba tal-verbi sempliċi fl-Imperfett marbutin ma' stampi li juru azzjoni familjari għat-tfal bħal Petra tiġri, Nikola jaqbeż, John jimxi, Aħna nixorbu u l-bqija.

**P3 u P4**

- Tagħrif ġeneriku dwar l-alfabett fonetiku Malti, jiġifieri spjega fuq kemm fih grafemi, liema huma l-vokali u l-konsonanti u l-bqija.

- Distinzjoni bejn l-ittri kapitali u l-ittri żgħar, x' insejħulhom, il-pożizzjoni ta' kull ittra fi kliem differenti fil-bidu, fin-nofs u fit-tarf.

- Għarfien dwar il-vokali miktubin kapitali, il-vokali miktubin żgħar, x' insejħulhom, il-pożizzjoni ta' kull ittra fi kliem differenti fil-bidu, fin-nofs u fit-tarf.

- Għarfien dwar il-konsonanti miktubin kapitali, il-konsonanti żgħar, x' insejħulhom, il-pożizzjoni ta' kull ittra fi kliem differenti fil-bidu, fin-nofs u fit-tarf.

- L-użu tal-artiklu ma' nomi komuni li jibdew b'konsonanti qamrin u xemxin (il-karozza, is-sufan, l-iskola...).

- Il-konsonanti sħaħ u dgħajfin (il-j u l-w) fil-kitba ta' kliem bħal *ħajja* imma *ħajti, dawwar* imma *dawra*...).

- Introduzzjoni għan-nom proprju u n-nom komuni bl-għajnuna tal-istampi.

- Il-ġens u l-għadd ta' nomi ħfief bħal tifel-tifla-tfal; ħmar-ħmara-ħmir.

- Il-qbil fil-ġens u fl-għadd tal-aġġettiv man-nom (qmis ħadra, qalziet aħdar, ħwejjeġ ħodor...).

- Il-pronomi personali/magħżulin (Jien, int, hu, hi, aħna, intom, huma...)

- L-użu tal-pronomi dimostrattivi (din, dawk, dak...) f'kuntest ta' taħdit u smigħ.

- In-numri kardinali mill-1 sal-20 (bla nomi) u l-għaxriet (tletin, erbgħin, ħamsin... sal-mija).

- Il-punteġġjatura: L-użu tal-ittri kapitali, il-punt, il-virgola u l-mistoqsija u t-tħaddim tagħhom fis-sentenza.

**P5**

- L-istudenti se jgħaqqdu f'sillabi nomi b'aktar minn żewġ sillabi, inklużi dawk b'konsonanti doppji (kompjuter, sarvetta, paletta,...).

- Il-kitba ta' konsonanti li jassimilaw fl-aħħar tal-kelma bħal tabib, ħabib, ġdid.

- In-negattiv tal-verbi sempliċi (trilitteri sħaħ) bħal ma qabiżx, ma raqadx.

- Il-kitba tal-artiklu ma’:
  nomi propji ta’ postijiet bħal Il-Belġju, il-Lussemburgu, l-Italja;
  nomi li jkunu jeħtieġu l-vokali tal-leħen bħal l-isptar, l-ixkora, l-imsiemer.

- Il-ġens tan-nomi komuni fi kliem bħal raġel-mara; serduk-tiġieġa; żiemel-debba.

- L-għadd tan-nom komuni inkluż is-singular (il-farrad waħdieni u l-kollettiv, bil-ġemgħat ukoll), il-plural sħiħ u dak miksur.

- Tisħiħ tal-aġġettiv pożittiv u introduzzjoni għall-gradi l-oħra (il-komparattiv u s-superlattiv)

- In-numri komposti mill-20 ’il fuq (tnejn u tletin, sebgħa u erbgħin, disgħa u ħamsin, mija u għaxra, ħames mija u sbatax) sal-elf.

- In-numri ordinali (L-ewwel, it-tieni, ir-raba’, il-ħdax-il wieħed, il-mitt waħda...)

- Il-qari u kitba tal-ħin: is-sigħat bil-minuti (is-siegħa, is-sagħtejn u ħamsa, it-tlieta u għaxra, l-erbgħa u kwart, il-ħamsa u nofs nieqes ħamsa, is-sitta u nofs, is-sebgħa u nofs u ħamsa, it-tmienja nieqes/neqsin għoxrin, id-disgħa nieqes/neqsin kwart, l-għaxra nieqes/neqsin għaxra, il-ħdax nieqes/neqsin ħamsa, nofsinhar, il-kwarta, in-nofsiegħa, nofsillejl).

- Daħla ġenerali għall-verb b’eżempji prattiċi għat-tfal ta’ din l-età: x’inhu verb u l-funzjoni tiegħu fis-sentenza.

- Introduzzjoni għat-temp tal-imperfett u l-perfett. Huwa rrakkomandat li l-verbi magħżula jkunu rilevanti għall-ħajja ta’ kuljum tal-istudenti (norqod, jaħsel, rqadtu, ħsilna...).

- Tisħiħ tal-elementi ewlenin tal-punteġġjatura li saru fis-snin ta’ qabel u l-introduzzjoni tal-markaturi tad-diskors, l-esklamazzjoni, il-puntini u ż-żewġ punti.

## 6. L-Assessjar

L-assessjar huwa parti integrali mill-proċess tat-tagħlim għax jipprovdi lill-istudenti u lill-ġenituri tagħhom b’feedback kontinwu, fil-ħin u kwalitattiv fuq il-progress tat-tfal, filwaqt li jwassal informazzjoni fuq il-prattika tal-għalliema u jipprovdi lill-iskejjel b’informazzjoni fuq l-ippjanar tal-kurrikulu u t-tagħlim.

L-assessjar għat-tagħlim (assessjar għal skopijiet formattivi) huwa proċess li jsir fl-istess ħin tat-tagħlim. L-istudenti u l-għalliema tagħhom jużaw ir-riżultati biex isiru jafu x’jafu l-istudenti u jistgħu jagħmlu dan b’rabta mat-tagħlim. L-assessjar tat-tagħlim (assessjar għal skopijiet summattivi) isir mat-tmiem ta’ kull unità, f’nofs is-sena jew fl-aħħar tas-sena. L-assessjar bħala tagħlim (assessjar kontinwu) huwa l-

użu ta' assessjar kontinwu tal-istudenti nfushom minnhom stess bil-għan li jsir monitoraġġ tat-tagħlim tagħhom stess.

L-informazzjoni u l-ġudizzji fuq it-tagħlim jinġabru flimkien bħala sommarju għal skop ta' rappurtaġġ mill-għalliema u għal bdil ta' informazzjoni ma' għalliema oħra fi klassijiet jew skejjel oħra. Jekk l-istudenti jkunu jafu eżatt x'inhu mistenni minnhom (l-iskopijiet tat-tagħlim) u l-kriterji ta' suċċess li ser jidentifikaw it-tagħlim tagħhom, huma jiżviluppaw ħiliet ta' evalwazzjoni personali li ser jgħinuhom isiru studenti li kapaċi jitgħallmu weħidhom.

L-istudenti u persuni oħra involuti fit-tagħlim, jeħtieġu feedback fil-ħin u bl-eżatt fuq dak li tgħallmu kif ukoll kemm tgħallmu u kemm tgħallmuh b'mod tajjeb. Dan jgħin fl-identifikazzjoni ta' xi jmisshom jagħmlu u min jista' jgħinhom biex iżidu mal-għarfien, il-fehim u l-ħiliet tagħhom. Il-progress tal-istudenti għandu jiġi assessjat permezz ta' modi u fi żminijiet xierqa għall-bżonnijiet tat-tagħlim tagħhom. Il-ġudizzji li jsiru fuq dan it-tagħlim għandhom ikunu msejsa fuq evidenza minn firxa wiesgħa ta' sorsi, kemm fl-iskola kif ukoll barra mill-iskola u b'referenza għall-progress tal-istudenti fuq perjodu ta' żmien u f'firxa ta' attivitajiet.

Permezz ta' ppjanar ta' opportunitajiet ta' assessjar kontinwu u testijiet perjodiċi, b'mod speċjali fejn l-istudenti jużaw il-ħiliet tagħhom b'mod integrat, l-edukaturi ser ikunu qed jippermettu lill-istudenti juru, fuq perjdou ta' żmien, kemm u kemm tajjeb ikunu tgħallmu. Bilanċ bejn opportunitajiet ta' assessjar kontinwu u perjodiku jitlob li l-istudenti juru qafas ta' tagħlim mibni fuq perjodu ta' żmien filwaqt li japplikaw l-għarfien u l-ħiliet f'kuntesti differenti. It-taħlit ta' firxa ta' opportunitajiet ta' assessjar formattiv immexxi mill-istudenti jippermettu lill-istudenti nfushom ikejlu l-progress tagħhom meta mqabbel mal-kisbiet mit-tagħlim tas-suġġett partikolari.

L-edukaturi għandhom ifittxu li jiġbru numru ta' xogħlijiet ta' kwalità bħala evidenza tal-progress tat-tagħlim kemm minn assessjar formattiv b'mod perjodiku, kif ukoll assessjar summattiv. L-ammont u l-varjetà tal-evidenza għandhom ikunu biżżejjed li jinbena profil tal-kisbiet tal-istudenti fl-erba' ħiliet, li jkunu proporzjonali għax-xogħol li jkun sar u maniġġabbli. L-istudenti għandhom ikunu involuti fl-għażla tal-evidenza. L-evidenza għandha turi li l-istudenti fehmu ammont ta' għarfien, irrispondew b'mod konsisteni għal esperjenzi li offrew sfida fit-tagħlim u kienu kapaċi japplikaw dak li tgħallmu f'kuntesti ġodda u mhux familjari.

It-tagħlim u l-assessjar għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jirriflettu kif l-istudenti jipprogressaw b'modi differenti sabiex jimmotivawhom filwaqt li jħeġġuhom fit-tagħlim tagħhom. Biex jappoġġjaw dan, l-istudenti kollha għandhom ikunu involuti fl-ippjanar u fir-riflessjoni fuq it-tagħlim tagħhom, permezz ta' assessjar formattiv, evalwazzjoni tagħhom infushom u min-naħa ta' sħabhom u permezz ta' ppjanar tat-tagħlim personali.

L-approaches preżenti tal-assessjar iħeġġu lill-istudenti jieħdu sehem f'numru ta' xogħlijiet komunikattivi. Ladarba l-istudenti jingħataw iċ-ċans li jinteraġixxu ma' sħabhom u jirċievu rispons kontinwu mill-għalliema tagħhom, fl-aħħar mill-aħħar qed jingħataw gwida sabiex jieħdu deċiżjonijiet fuq kif itejbu l-kisba tal-lingwa partikolari. Għaldaqstant, l-istudenti għandhom jingħataw iċ-ċans li jkollhom irwol attiv fl-

assessjar tagħhom infushom li jħeġġiġhom ifittxu għanijiet personali għat-tagħlim tal-Malti bħala Lingwa nazzjonali oħra.

Dan it-tip ta' assessjar jista' jkun ippjanat f'punti partikolari, bħal fit-tmiem ta' kull unità tematika, fejn l-istudenti jkunu jistgħu jiġġudikaw u jirrevedu l-ħiliet tagħhom permezz ta' tabelli li fiha jkun hemm il-kisba tat-tagħlim maħsuba vis-à- vis il-livell li fih tkun inkisbet. L-għalliema tal-Malti bħala Lingwa Nazzjonali Oħra għandu jkollhom għarfien ċar ta' kif qed jipprogressaw l-istudenti tagħhom.

Għalhekk l-assessjar jipprovdi informazzjoni fuq jekk it-tagħlim li sar kienx wieħed ta' suċċess. Madanakollu din l-istess informazzjoni potenzjalment ser ikollha udjenzi differenti u għaldaqstant ser tħalli effetti differenti. Għall-għalliema, l-assessjar ifisser xi ħaġa partikolari, differenti minn dak li jfisser għall-istudenti nfushom jew għall-ġenituri.

L-għan tal-assessjar għandu jkun li jitjieb il-livell filwaqt li jsaħħaħ it-tagħlim. L-akbar sfida hija li tiġi żviluppata sistema ta' assessjar li tirrikonoxxi l-funzjonijiet differenti tal-assessjar innifsu filwaqt li tgħin sabiex dawn l-istess funzjonijiet jaħdmu flimkien aktar milli kontra xulxin.

L-assessjar fil-Malti bħala Lingwa Nazzjonali Oħra għandu jsir biex:

- jinftiehem aħjar il-proċess tat-tagħlim tal-Malti bħala Lingwa Nazzjonali Oħra;
- tiġi determinata l-ħila tal-istudenti fl-użu tal-Malti għal numru ta' skopijiet;
- tiġi determinata, filwaqt li tissaħħaħ, il-ħila tal-istudenti fl-użu tal-erba' ħiliet differenti tal-lingwa.
- jiġu identifikati u determinati d-diffikultajiet li jistgħu jiffaċċjaw l-istudenti;
- jgħin lill-għalliema jiġbru informazzjoni fuq l-iżvilupp lingwistiku tal-istudenti fuq perjodu ta' żmien;
- joffri gwida u jtejjeb il-kapaċitajiet tal-istudenti;
- jgħin lill-għalliema jipprovdu lill-istudenti b'rispons tajjeb fil-ħin xieraq;
- jassessja l-progress tal-istudenti fil-profiċjenza u l-kisba tal-istandards.

Il-karatteristiċi tal-assessjar għandhom jinkludu:
- bilanċ bejn assessjar formattiv u summattiv f'kuntesti li jagħmlu sens u awtentiċi;
- iffukar fuq il-ħiliet kollha f'xogħlijiet awtentiċi tal-istudenti;
- assessjar ta' kwalunkwè mod ta' komunikazzjoni;
- assessjar tal-erba' ħiliet bażiċi.

L-assessjar tal-istudenti għandu jinbena fuq għadd ta' miżuri li jkollhom l-għan li jipprovdu opportunitajiet kontinwi għall-istudenti biex juru x'kapaċi jagħmlu fil-Malti.

Għaldaqstant, m'għandux ikun hemm:
- ittestjar barra l-kuntest bħal traduzzjoni ta' kliem/frażijiet;
- mili ta' spazji vojta f'test b'konġunzjonijiet ta' verbi bi frażijiet mhux marbuta flimkien;
- listi twal ħafna ta' vokabularju.
- titli ta' xogħlijiet mhux kuntestwalizzati iżda aktar preżentazzjoni ta' sitwazzjonijiet reali mill-ħajja ta' kuljum fejn l-istudenti jkunu motivati u jkollhom skop biex

jikkomunikaw permezz tal-lingwa nazzjonali oħra, bħal “Ikteb ittra elettronika lil ħabib/a tiegħek Malti/ja fejn titkellem kif qattajt il-ġurnata tiegħek.”

Testijiet bil-kitba jew orali jistgħu jkunu ppreparati biex jippermettu lill-istudenti jużaw il-Malti f’sitwazzjonijiet mill-ħajja reali. Dawn il-formati jistgħu jinkludu rwoli drammatizzati, intervisti bejn żewġ persuni jew il-kitba ta’ ittra elettronika lil xi ħadd Malti.

Il-proċessi ta’ assessjar fil-klassi li huma ddisinjati b’mod tajjeb u xieraq jistgħu:
• jagħtu sapport lill-istudenti sabiex permezz tal-assessjar tagħhom infushom ikunu kapaċi jkejlu t-tagħlim tagħhom, filwaqt li jidentifikaw il-ħiliet, il-bżonnijiet tat-tagħlim u xi jmiss li jitgħallmu;
• iħeġġu lill-istudenti jgħinu lil xulxin fit-tagħlim tagħhom permezz ta’ assessjar li jsir minnhom stess;
• jgħinu lill-għalliema jifhmu aħjar kif l-istudenti jitgħallmu aħjar, jużaw l-evidenza biex jimmonitorjaw il-progress tal-istudenti, jirriflettu fuq il-prattika tagħhom filwaqt li jaddattaw jew iqabblu t-tagħlim tagħhom skont il-bżonnijiet tal-istudenti;
• jgħinu lill-għalliema jippjanaw fuq it-tagħlim ta’ individwi u gruppi sabiex jassiguraw li t-tfal kollha jingħataw l-attenzjoni xierqa;
• jagħtu sapport lill-ġenituri sabiex dawn jaqsmu l-esperjenzi ta’ tagħlim tat-tfal tagħhom, jinterpretaw l-informazzjoni tal-assessjar, u jsegwu l-iżvilupp edukattiv tat-tfal tagħhom;
• jippromwovu r-rappurtaġġ fuq il-progress individwali u l-ħiliet miksuba b’mod li jiżdiedu waħda mal-oħra.

F’kull ħila, m’hemmx bżonn li l-istudenti jkunu laħqu l-kisbiet kollha partikolari f’livell partikolari biex ikunu jistgħu jgħaddu għal li jmiss. Meta jkun f’waqtu, l-istudenti għandhom jingħataw l-opportunità li jieħdu sehem f’esperjenzi ta’ tagħlim fil-livell li jmiss. L-għalliema għandhom jippjanaw sabiex joffru esperjenza lill-istudenti ta’ kull kisba iżda għandhom jieħdu viżjoni olistika tal-kisbiet fl-erba’ ħiliet. Meta l-istudenti jilħqu esperjenza profonda tat-tagħlim f’livell partikolari, ikunu jistgħu jgħaddu għal dak li jmiss. L-għalliema għandhom jassiguraw li dak li fl-opinjoni tagħhom laħqu l-istudenti jkun imsaħħaħ b’evidenza b’saħħitha. L-evalwazzjoni tagħhom ta’ din l-evidenza għandha tkun konsistenti mal-evalwazzjonijiet tal-kollegi tagħhom.

### L-involviment tal-istudent

Il-programm ta’ assessjar tat-tagħlim tal-Malti bħala Lingwa Nazzjonali Oħra għandu jagħmel parti minn programm tat-tagħlim li jiffoka fuq l-istudent. L-approach addattat fil-klassi għandu jħeġġeġ l-involviment fit-tagħlim filwaqt li jservi ta’ gwida għall-istudenti biex jiżviluppaw ħiliet b’mod awtonomu meħtieġa minnhom biex jitgħallmu l-lingwa.

L-istudenti għandhom jiġu ggwidati biex jiżviluppaw il-ħiliet sabiex ikunu jistgħu jassessjaw it-tagħlim tagħhom u b’hekk ma jibqgħux dipendenti biss fuq l-għalliema matul il-proċess tat-tagħlim u jkunu kapaċi jassessjaw it-tagħlim tagħhom stess. Il-programm ta’ assessjar għandu jindirizza kemm il-ħiliet lingwistiċi produttivi u riċettivi f’kull livell ta’ kompetenza. L-approach addottat fil-klassi jrid jiffoka fuq l-integrazzjoni tal-erba’ ħiliet lingwistiċi filwaqt li jħeġġeġ lill-istudenti jkomplu

jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom permezz ta' xogħol li jsir fil-klassi kif ukoll barra l-klassi, skont iż-żmien u l-pass li għandhom bżonn biex jitgħallmu. It-tagħlim li jsir barra mill-klassi għandu jiġi ddokumentat f'xi forma jew oħra mill-għalliema u l-istudenti.

Għandu jingħata aktar xogħol lil dawk l-istudenti li jifilħu jaħdmu aktar minn dak li jsir fil-klassi. L-istudenti huma mħeġġa jesponu lilhom infushom għal-lingwa filwaqt li jkomplu jitgħallmu aktar minn dak li jitgħallmu fil-klassi permezz tal-internet, kotba, rivisti, it-televixin u vidjows.

## 6.1 Id-Deskritturi tal-Kisbiet mit-Tagħlim

Id-deskritturi tal-kisbiet mit-tagħlim huma mfassla għal dawn il-ħiliet tal-lingwa:

- Is-smigħ
- It-taħdit
- Il-qari
- Il-kitba
- L-iżvilupp lingwistiku

**Id-Deskritturi tal-Kisbiet mit-Tagħlim**
Għas-Snin Bikrin

| **Il-Livell** / **Il-Ħiliet** | **+**<br>**Kisbiet mit-Tagħlim mhux millħuqa**<br>**L-istudent…** | **++**<br>**Kisbiet tat-Tagħlim parzjalment milħuqa**<br>**L-istudent…** | **+++**<br>**Kisbiet tat-Tagħlim milħuqa b'mod sodisfaċenti**<br>**L-istudent…** | **++++**<br>**Kisbiet tat-Tagħlim milħuqa b'mod sħiħ**<br>**L-istudent…** |
|---|---|---|---|---|
| **Is-Smigħ** | a.jisma' u jwieġeb b'mod limitat ħafna/ ma jweġibx għal dak li jinqralu<br><br>b. jisma' u jagħraf b'mod limitat ħafna/ma jagħrafx kliem familjari u espressjonijiet bażiċi li jingħadu fuqu, fuq il-familja tiegħu u l-ambjent ta' madwaru<br><br>ċ.jisma' u jsegwi b'mod limitat ħafna/ma jsegwix istruzzjonijiet mogħtija bil-mod u bi kliem ħafif kif ukoll direzzjonijiet qosra u sempliċi<br><br>d. jagħraf b'mod limitat ħafna/ma jagħrafx li hemm rabta bejn il-ħsejjes li jisma' u li dawn | a. jisma' u jwieġeb b'mod limitat għal dak li jinqralu<br><br>b. jisma' u jagħraf b'mod limitat kliem familjari u espressjonijiet bażiċi li jingħadu fuqu, fuq il-familja tiegħu u l-ambjent ta' madwaru<br><br>ċ. jisma' u jsegwi b'mod limitat istruzzjonijiet mogħtija bil-mod u bi kliem ħafif kif ukoll direzzjonijiet qosra u sempliċi<br><br>d. jagħraf b'mod limitat li hemm rabta bejn il-ħsejjes li jisma' u li dawn jistgħu jinkitbu b'mod grafiku | a. jisma' u jwieġeb tajjeb għal dak li jinqralu<br><br>b. jisma' u jagħraf tajjeb kliem familjari u espressjonijiet bażiċi li jingħadu fuqu, fuq il-familja tiegħu u l-ambjent ta' madwaru<br><br>ċ. jisma' u jsegwi tajjeb istruzzjonijiet mogħtija bil-mod u bi kliem ħafif kif ukoll direzzjonijiet qosra u sempliċi<br><br>d. jagħraf b'mod tajjeb li hemm rabta bejn il-ħsejjes li jisma' u li dawn jistgħu jinkitbu b'mod grafiku | a. jisma' u jwieġeb tajjeb ħafna għal dak li jinqralu<br><br>b. jisma' u jagħraf tajjeb ħafna kliem familjari u espressjonijiet bażiċi li jingħadu fuqu, fuq il-familja tiegħu u l-ambjent ta' madwaru<br><br>ċ. jisma' u jsegwi tajjeb ħafna istruzzjonijiet mogħtija bil-mod u bi kliem ħafif kif ukoll direzzjonijiet qosra u sempliċi<br><br>d.jagħraf b'mod tajjeb ħafna li hemm rabta bejn il-ħsejjes li jisma' u li dawn jistgħu jinkitbu b'mod grafiku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | jistgħu jinkitbu b'mod grafiku | | | |
| **It-Taħdit** | a. jitkellem u jifhem ftit li xejn frażijiet sempliċi u komuni<br><br>b.ftit li xejn/ ma jafx jistaqsi u jwieġeb mistoqsijiet sempliċi<br><br>ċ. jaf jerġa' jirrakkonta storja qasira li jkun diġà sema' b'mod limitat ħafna<br><br>d. ibassar b'mod limitat ħafna t-tmiem ta' storja ħafifa li tkun bdiet tinqralu<br><br>e.jitkellem b'mod limitat ħafna/ ma jafx juża kliem sempliċi u frażijiet ħfief fuq stampa li jara u jkun fiha storja | a.jitkellem u jifhem b'mod limitat frażijiet sempliċi u komuni<br><br>b. jistaqsi u jwieġeb b'mod limitat mistoqsijiet sempliċi<br><br>ċ. jaf jerġa' jirrakkonta storja qasira li jkun diġà sema' b'mod limitat<br><br>d.ibassar b'mod limitat it-tmiem ta' storja ħafifa li tkun bdiet tinqralu<br><br>e. jitkellem b'mod limitat u bi kliem sempliċi u frażijiet ħfief fuq stampa li jara u jkun fiha storja | a. jitkellem u jifhem tajjeb frażijiet sempliċi u komuni<br><br>b.jistaqsi u jwieġeb tajjeb mistoqsijiet sempliċi<br><br>ċ. jaf jerġa' jirrakkonta tajjeb storja qasira li jkun diġà sema'<br><br>d.ibassar b'mod tajjeb it-tmiem ta' storja ħafifa li tkun bdiet tinqralu<br><br>e.jitkellem b'mod tajjeb u bi kliem sempliċi u frażijiet ħfief fuq stampa li jara u jkun fiha storja | a. jitkellem u jifhem tajjeb ħafna frażijiet sempliċi u komuni<br><br>b.jistaqsi u jwieġeb tajjeb ħafna mistoqsijiet sempliċi<br><br>ċ.jaf jerġa' jirrakkonta tajjeb ħafna storja qasira li jkun diġà sema'<br><br>d.ibassar b'mod tajjeb ħafna it-tmiem ta' storja ħafifa li tkun bdiet tinqralu<br><br>e.jitkellem b'mod tajjeb ħafna bi kliem sempliċi u frażijiet ħfief fuq stampa li jara u jkun fiha storja |
| **Qabel il-Qari** | a.ma jurix interess fil-kotba<br><br>b.ma jagħrafx li l-kitba twassal messaġġ | a. juri ftit interess fil-kotba<br><br>b. jibda jagħraf b'mod limitat li l-kitba twassal messaġġ | a. juri ħafna interess fil-kotba<br><br>b. jagħraf sewwa li l-kitba twassal messaġġ | a. juri interess qawwi fil-kotba<br><br>b. jagħraf tajjeb ħafna li l-kitba twassal messaġġ<br><br>ċ. jaf jikteb mix-xellug għal- |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | ċ. ma jafx jikteb mix-xellug għal-lemin<br><br>d.ma jassoċjax il-ħsejjes mal-ittri<br><br>e. ma jafx jaqra<br><br>f. ma jagħrafx l-elementi prinċipali tal-istejjer, bħall-karattri u s-sekwenza tal-ġrajja. | ċ. .........................................<br><br>d.jibda jassoċja b'mod limitat il-ħsejjes mal-ittri<br><br>e.jaqra xi kliem bl-għajnuna<br><br>f.jagħraf bl-għajnuna l-elementi prinċipali tal-istejjer, bħall-karattri u s-sekwenza tal-ġrajja | ċ. .........................................<br><br>d. jassoċja b'mod tajjeb il-ħsejjes mal-ittri<br><br>e. jaqra tajjeb xi kliem bi ftit għajnuna<br><br>f. jagħraf b'mod tajjeb u bla għajnuna, l-elementi prinċipali tal-istejjer, bħall-karattri u s-sekwenza tal-ġrajja | lemin<br><br>d. jassoċja b'mod tajjeb ħafna l-ħsejjes mal-ittri<br><br>e. jaqra tajjeb ħafna xi kliem bla għajnuna<br><br>f. jagħraf b'mod tajjeb ħafna, l-elementi prinċipali tal-istejjer, bħall-karattri u s-sekwenza tal-ġrajja |
| **Qabel il-Kitba** | a. bl-għajnuna, jibda jesperimenta b'taħżiż u jassoċja b'mod limitat ħafna t-taħżiż ma' oġġett<br><br>b. mhux kapaċi jimmaġina li qed jikteb ittri u kliem<br><br>ċ. mhux kapaċi jpinġi linji u ċrieki<br><br>d. mhux kapaċi jagħraf li l-kitba u t-tpinġija huma differenti | a.jibda t-taħżiż jassoċjah ma'oġġett bla għajnuna<br><br>b. bl-għajnuna, kapaċi jibda jimmaġina li qed jikteb ittri u kliem<br>.........................................<br>ċ. bl-għajnuna, jasal ipinġi linji u ċrieki<br><br>d.bl-għajnuna jibda jagħraf li l-kitba u t-tpinġija huma differenti | a. jassoċja tajjeb it-taħżiż tiegħu ma'oġġett<br><br>b. .........................................<br><br>ċ. bla għajnuna, jpinġi linji u ċrieki.......................................<br><br>d. .......................................... | a. jassoċja tajjeb ħafna t-taħżiż tiegħu ma'oġġett<br><br>b. kapaċi jimmaġina li qed jikteb ittri u kliem.<br><br>ċ. ipinġi sewwa linji u ċrieki waħdu<br><br>d.jagħraf sewwa li l-kitba u t-tpinġija huma differenti |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Linguistic development** | To be compiled by each primary inspector | To be compiled by each primary inspector | To be compiled by each primary inspector | To be compiled by each primary inspector |

**Id-Deskritturi tal-Kisbiet mit-Tagħlim**
Għas-Snin Tal-Primarja P1-P5 (ONL)

| **Il-Livell** | **+**<br>**Il-Kisbiet mit-Tagħlim għadhom ma ntlaħqux** | **++**<br>**Aspetti żgħar tal-Kisbiet mit-Tagħlim ġew milħuqa** | **+++**<br>**Il-Kisbiet mit-Tagħlim intlaħqu parzjalment** | **++++**<br>**Il-Kisbiet mit-Tagħlim intlaħqu b'mod sodisfaċenti** | **+++++**<br>**Il-Kisbiet mit-Tagħlim intlaħqu b'mod sħiħ** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Ħiliet** | **L-istudent…** | **L-istudent....** | **L-istudent…** | **L-istudent…** | **L-istudent…** |
| **Is-Smigħ** | a. jifhem b'mod limitat ħafna espressjonijiet ta' kuljum bla ma jagħraf is-suġġett tat-taħdit<br><br>b.isegwi taħdita bi tbatija kbira u ma jkunx jaf x'inhu jingħad | a. jifhem b'mod limitat espressjonijiet ta' kuljum bla ma jagħraf is-suġġett tat-taħdit<br><br>b.isegwi taħdita bi tbatija u kemm kemm ikun jaf x'inhu jingħad | a. bl-għajnuna, jifhem tajjeb espressjonijiet ta' kuljum u jibda jaqbad tarf tas-suġġett tat-taħdit<br><br>b. isegwi taħdita b'mod tajjeb u jieħu idea ġenerali ta' xi jkun jingħad | a. waħdu jifhem tajjeb espressjonijiet ta' kuljum u jidentifika sewwa s-suġġett tat-taħdit<br><br>b. isegwi taħdita b'mod tajjeb biżżejjed u jesprimi ruħu fuq is-suġġett b'limitazzjonijiet | a. jifhem tajjeb ħafna espressjonijiet ta' kuljum u jidentifika sewwa s-suġġett ta' taħdit u jistaqsi għal aktar għajnuna jew kjarifika<br><br>b.isegwi taħdita b'mod tajjeb ħafna u jesprimi ruħu fuq is-suġġett bla ebda diffikultà |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | ċ.ma jifhimx mistoqsijiet u istruzzjonijiet u ma jsegwix direzzjonijiet sempliċi u qosra<br><br>d.ma jafx in-numri sal-10 u l-għaxriet, il-prezzijiet u l-ħinijiet<br><br>e. ma jifhimx informazzjoni essenzjali minn siltiet qosra moqrijau/jew irrekordajati.<br><br>f. ma jafx jidentifika l-punti ewlenin tal-aħbarijiet fejn il-materjal viżiv jgħin id-diskors.<br><br>ġ. Ma jafx jidentifika l-punti ewlenin | ċ.b'ħafna għajnuna jifhem mistoqsijiet u istruzzjonijiet u jsegwi b'mod limitat ħafna direzzjonijiet sempliċi u qosra<br><br>d.b'ħafna għajnuna jifhem in-numri sal-10 u l-għaxriet, il-prezzijiet u l-ħinijiet<br><br>e. b'ħafna għajnuna jifhem informazzjoni essenzjali minn siltiet qosra moqrija u/jew irrekordjati.<br><br>f. b'ħafna għajnuna jidentifika l-punti ewlenin tal-aħbarijiet fejn il-materjal viżiv jgħin id-diskors<br><br>ġ. b'ħafna għajnuna jidentifika l-punti ewlenin | ċ. bi ftit għajnuna, jifhem mistoqsijiet u istruzzjonijiet u jsegwi b'mod limitat direzzjonijiet sempliċi u qosra<br><br>d. bi ftit għajnuna, jaf u jifhem in-numri sal-10 u l-għaxriet, il-prezzijiet u l-ħinijiet<br><br>e. bl-għajnuna jifhem informazzjoni essenzjali minn siltiet qosra moqrija u/jew irrekordjati<br><br>f. bl-għajnuna jidentifika l-punti ewlenin tal-aħbarijiet fejn il-materjal viżiv jgħin id-diskors<br><br>ġ. bl-għajnuna jidentifika l-punti ewlenin | ċ. jifhem tajjeb mistoqsijiet u istruzzjonijiet u jsegwi sewwa direzzjonijiet sempliċi u qosra<br><br>d. jaf u jifhem in-numri sal-10 u l-għaxriet, il-prezzijiet u l-ħinijiet b'mod tajjeb<br><br>e.jifhem informazzjoni essenzjali minn siltiet qosra moqrija u/jew irrekordjati<br><br>f. jidentifika sewwa waħdu l-punti ewlenin tal-aħbarijiet fejn il-materjal viżiv jgħin id-diskors<br><br>ġ. jidentifika sewwa waħdu l-punti ewlenin | ċ. jifhem tajjeb ħafna mistoqsijiet u istruzzjonijiet u jsegwi sal-inqas dettall direzzjonijiet sempliċi u qosra<br><br>d. jaf u jifhem in-numri sal-10 u l-għaxriet, il-prezzijiet u l-ħinijiet b'mod tajjeb ħafna<br><br>e.jifhem informazzjoni essenzjali minn siltiet qosra u/jew irrekordjati b'attenzjoni kbir għad-dettall<br><br>f.jidentifika sewwa waħdu l-punti ewlenin tal-aħbarijiet b'attenzjoni kbira għad-dettall fejn il-materjal viżiv jgħin id-diskors<br><br>ġ. jidentifika sewwa waħdu l-punti ewlenin b'attenzjoni kbira għal |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | f’messaġġi u avviżi qosra, ċari u sempliċi | f’messaġġi u avviżi qosra, ċari u sempliċi | f’messaġġi u avviżi qosra, ċari u sempliċi | f’messaġġi u avviżi qosra, ċari u sempliċi | dettalji speċifiċi f’messaġġi u avviżi qosra, ċari u sempliċi |
| **It-Taħdit** | a. ma jiħux sehem f’konverżazzjoni sempliċi f’kuntesti familjari<br><br>b. ma jafx jistaqsi u jwieġeb mistoqsijiet sempliċi fuq suġġetti familjari u tal-ħajja ta’ kuljum<br><br>ċ. ma jikkomunikax b’mod tajjeb f’sitwazzjonijiet ta’ kuljum li jeħtieġu qsim ta’ informazzjoni fuq suġġetti u attivitajiet ta’ kuljum<br><br>d. ma jafx juża frażijiet u sentenzi bil-għan li jiddeskrivi l-familja tiegħu u persuni oħra qrib | a. jieħu sehem b’mod limitat ħafna f’konverżazzjoni sempliċi f’kuntesti familjari<br><br>b. jaf jistaqsi u jwieġeb b’mod limitat ħafna u b’ħafna għajnuna mistoqsijiet sempliċi fuq suġġetti familjari u tal-ħajja ta’ kuljum<br><br>ċ. b’ħafna għajnuna jipprova jikkomunika f’sitwazzjonijiet ta’ kuljum li jeħtieġu qsim ta’ informazzjoni fuq suġġetti u attivitajiet ta’ kuljum<br><br>d. b’ħafna għajnuna juża frażijiet u sentenzi bil-għan li jiddeskrivi l-familja tiegħu u persuni oħra qrib tiegħu | a.jieħu sehem b’mod limitat f’konverżazzjoni sempliċi f’kuntesti familjari<br><br>b. jaf jistaqsi u jwieġeb b’mod limitat mistoqsijiet sempliċi fuq suġġetti familjari u tal-ħajja ta’ kuljum<br><br>ċ. bi ftit għajnuna jikkomunika f’sitwazzjonijiet ta’ kuljum li jeħtieġu qsim ta’ informazzjoni fuq suġġetti u attivitajiet ta’ kuljum.<br><br>d. juża b’mod limitat frażijiet u sentenzi bil-għan li jiddeskrivi l-familja tiegħu u persuni oħra qrib tiegħu | a.jieħu sehem b’mod tajjeb u attiv f’konverżazzjoni sempliċi f’kuntesti familjari u soċjali<br><br>b. jaf jistaqsi u jwieġeb b’mod tajjeb mistoqsijiet sempliċi fuq suġġetti familjari u tal-ħajja ta’ kuljum<br><br>ċ. jikkomunika b’mod tajjeb f’sitwazzjonijiet ta’ kuljum li jeħtieġu qsim ta’ informazzjoni fuq suġġetti u attivitajiet ta’ kuljum<br><br>d. juża b’mod tajjeb frażijiet u sentenzi bil-għan li jiddeskrivi l-familja tiegħu u persuni oħra qrib tiegħu | a. jieħu sehem b’mod tajjeb u attiv ħafna f’konverżazzjoni f’kuntesti familjari u soċjali<br><br>b. jaf jistaqsi u jwieġeb b’mod tajjeb ħafna mistoqsijiet sempliċi fuq suġġetti familjari u tal-ħajja ta’ kuljum<br><br>ċ. jikkomunika b’mod tajjeb ħafna f’sitwazzjonijiet ta’ kuljum li jeħtieġu qsim ta’ informazzjoni fuq suġġetti u attivitajiet ta’ kuljum<br><br>d. juża b’mod tajjeb ħafna frażijiet u sentenzi bil-għan li jiddeskrivi l-familja tiegħu u persuni oħra |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | tiegħu<br><br>e. għandu bżonn ħafna għajnuna biex jesprimi ruħu b'mod ċar f' sitwazzjonijiet ta' kuljum | e. għandu bżonn ftit għajnuna biex jesprimi ruħu b'mod ċar f'sitwazzjonijiet ta' kuljum. | e. jesprimi ruħu b'kemm jirnexxilu jinqeda u jinftiehem f'sitwazzjonijiet ta' kuljum | e. jesprimi ruħu b'mod ċar u mexxej, u b'ċertu dettall f'sitwazzjonijiet ta' kuljum | qrib tiegħu<br><br>e.jesprimi ruħu b'mod ċar u mexxej, u b'ċertu dettall billi jadatta t-taħdit f'sitwazzjonijiet ta' kuljum |
| **Il-Qari** | a. ma jafx jaqra<br><br>b. ma jafx jaqra testi qosra u sempliċi<br><br>ċ. ma jafx jaqra u jagħraf, ismijiet familjari, kliem u frażijiet sempliċi kif ukoll sinjali u avviżi f'postijiet pubbliċi | a. għandu bżonn ħafna għajnuna biex jaqra, jifhem u jsegwi b'mod tajjeb istruzzjonijiet li jaqra<br><br>b. għandu bżonn ħafna għajnuna biex jaqra u jifhem testi qosra u sempliċi<br><br>ċ. għandu bżonn ħafna għajnuna biex jagħraf, jaqra u jifhem ismijiet familjari, kliem u frażijiet sempliċi kif ukoll sinjali u avviżi f'postijiet pubbliċi | a. għandu bżonn ftit għajnuna biex jaqra, jifhem u jsegwi b'mod tajjeb istruzzjonijiet li jaqra<br><br>b. għandu bżonn ftit għajnuna biex jaqra u jifhem testi qosra u sempliċi<br><br>ċ. għandu bżonn ftit għajnuna biex jagħraf, jaqra u jifhem ismijiet familjari, kliem u frażijiet sempliċi kif ukoll sinjali u avviżi f'postijiet pubbliċi | a. jaqra, jifhem u jsegwi tajjeb istruzzjonijiet li jaqra<br><br>b. jaqra, jifhem u jsegwi siltiet qosra u sempliċi b'mod tajjeb<br><br>ċ. jagħraf, jaqra u jifhem ismijiet familjari, kliem u frażijiet sempliċi kif ukoll sinjali u avviżi f'postijiet pubbliċi b'mod tajjeb | a. jaqra, jifhem u jsegwi b'mod tajjeb ħafna istruzzjonijiet li jaqra<br><br>b. jaqra, jifhem u jsegwi siltiet qosra u sempliċi b'mod tajjeb ħafna<br><br>ċ.jagħraf, jaqra u jifhem ismijiet familjari, kliem u frażijiet sempliċi kif ukoll sinjali u avviżi f'postijiet pubbliċi b'mod tajjeb ħafna |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Kitba** | a. ma jafx jikteb l-ittri u għadd ta' kliem komuni u sempliċi<br><br>b. ma jafx jiddeskrivi fejn joqgħod bil-kitba<br><br>ċ. ma jafx jikteb kartolini sempliċi u qosra<br><br>d. ma jafx jesprimi ruħu bil-kitba dwar suġġetti li li jogħġbuh jew ma jogħġbuhx<br><br>e. ma jafx jiddeskrivi tajjeb bil-kitba l-familja tiegħu u l-ambjent ta' madwaru<br><br>f. ma jafx jikteb dwar attivitajiet u esperjenzi personali li kellu fil-passat | a. għandu bżonn ħafna għajnuna biex jikteb l-ittri u għadd ta' kliem komuni u sempliċi<br><br>b. għandu bżonn ħafna għajnuna biex jiddeskrivi fejn joqgħod bil-kitba<br><br>ċ. b'ħafna għajnuna jikteb kartolini sempliċi u qosra<br><br>d. b'ħafna għajnuna jikteb dwar suġġetti li li jogħġbuh jew ma jogħġbuhx<br><br>e. b'ħafna għajnuna jiddeskrivi bil-kitba l-familja tiegħu u l-ambjent ta' madwaru<br><br>f. b'ħafna għajnuna jikteb dwar attivitajiet u esperjenzi personali li kellu fil-passat | a. għandu bżonn ftit għajnuna biex jikteb l-ittri u għadd ta' kliem komuni u sempliċi<br><br>b. għandu bżonn ftit għajnuna biex jiddeskrivi fejn joqgħod bil-kitba<br><br>ċ. bi ftit għajnuna jikteb kartolini sempliċi u qosra<br><br>d. bi ftit għajnuna jikteb dwar suġġetti li li jogħġbuh jew ma jogħġbuhx<br><br>e. bi ftit għajnuna jiddeskrivi bil-kitba l-familja tiegħu u l-ambjent ta' madwaru<br><br>f. bi ftit għajnuna jikteb dwar attivitajiet u esperjenzi personali li kellu fil-passat | a. jikteb noti u messaġġi sempliċi b'mod tajjeb<br><br>b. jiddeskrivi fejn joqgħod b'mod tajjeb<br><br>ċ. jikteb kartolini u ittri sempliċi u qosra b'mod tajjeb<br><br>d.jikteb tajjeb dwar x'jogħġbu u x'ma jogħġbux meta jiddeskrivi oġġett partikolari<br><br>e. jiddeskrivi tajjeb bil-kitba l-familja tiegħu u l-ambjent ta' madwaru<br><br>f. jikteb tajjeb dwar attivitajiet u esperjenzi personali li kellu fil-passat | a. jikteb noti sempliċi u messaġġi b'mod tajjeb ħafna<br><br>b. jiddeskrivi fejn joqgħod b'mod tajjeb ħafna<br><br>ċ. jikteb kartolini u ittri sempliċi u qosra b'mod tajjeb ħafna<br><br>d. jikteb tajjeb ħafna u jagħti dettalji dwar x'jogħġbu u x'ma jogħġbux meta jiddeskrivi oġġett partikolari<br><br>e.jiddeskrivi tajjeb u b'mod iddettaljat ħafna bil-kitba, l-familja tiegħu u l-ambjent ta' madwaru<br><br>f. jikteb tajjeb ħafna u b'ċertu dettall dwar attivitajiet u esperjenzi personali li kellu fil-passat |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **L-iżvilupp Lingwistiku** | a. iħaddem il-lingwa b'diffikultà kbira biex jikkomunika u bi żbalji kbar fil-pronunzja u l-grammatika.<br><br>b. m'għandux vokabularju biex jinqeda f'sitwazzjonijiet familjari.<br><br>ċ. għadu jagħmel ħafna żbalji fl-ortografija bażika u jbati ħafna fl-ispellija. | a. iħaddem il-lingwa b'diffikultà biex jikkomunika u bi żbalji fil-pronunzja u l-grammatika.<br><br>b. juża vokabularju limitat ħafna f'sitwazzjonijiet familjari.<br><br>ċ. għadu jagħmel żbalji fl-ortografija bażika imma beda jispelli meta jikteb. | a. iħaddem il-lingwa b'mod li jikkomunika fil-ħajja ta' kuljum f'sitwazzjonijiet familjari b'xi żbalji fil-grammatika u l-pronunzja li jistgħu itellfu mill-komunikazzjoni.<br><br>b. juża vokabularju limitat f'sitwazzjonijet familjari u mhumiex.<br><br>ċ. jagħmel żbalji f'xi aspetti ortografiċi u jispelli meta jikteb. | a. Iħaddem il-lingwa b'mod li jikkomunika, bi żbalji żgħar ħafna fil-pronunzja u l-grammatika li jseħħu l-aktar f'sitwazzjonijiet li mhumiex familjari.<br><br>b. juża vokabularju varjat f'sitwazzjonijiet familjari u kultant anke f'dak li mhumiex.<br><br>ċ. jagħmel żbalji żgħar fl-ortografija u jispelli tajjeb.<br><br>d. juri interess fix-xebh u d-differenzi bejn il-Malti u lingwi oħra. | a. Iħaddem il-lingwa u jikkomunika tajjeb mingħajr żbalji fil-pronunzja u l-grammatika f'sitwazzjonijiet differenti.<br><br>b. juża vokabularju varjat f'sitwazzjonijet differenti.<br><br>ċ. ftit li xejn jagħmel żbalji tal-ortografija, iħaddem il-mudelli u jispelli tajjeb ħafna.<br><br>d. beda jinnota l-binja u l-istruttura morfoloġika tal-lingwa Maltija. |

## 7. Kriterji Ġenerali sabiex jintlaħqu l-Kisbiet mit-Tagħlim

| Il-livell tal-kisbiet milħuq | Kriterji ġenerali sabiex jintlaħqu l-kisbiet mit-tagħlim | | | |
|---|---|---|---|---|
| | **Fehim** | **Preċiżjoni** | **Awtonomija** | **Użu/Applikazzjoni** |
| **+++++** **Il-kisbiet mit-tagħlim intlaħqu b'mod sħiħ** | Fehim tajjeb ħafna tal-kisbiet fejn saħansitra kapaċi jispjegahom lil ħaddieħor. | Xogħol preċiż li bih juri livell tajjeb ħafna ta' fehim. | Jaħdem waħdu u b'kunfidenza kbira. | Iħaddem il-ħiliet u l-għarfien f'sitwazzjonijiet u kuntesti differenti. Kapaċi joħloq strateġiji tiegħu sabiex jitgħallem. |
| **++++** **Il-kisbiet mit-tagħlim intlaħqu b'mod sodisfaċenti** | Fehim tajjeb tal-kisbiet meħtieġa mis-sillabu b'xi nuqqasijiet żgħar li jistgħu jissolvew faċilment. | Ħafna mit-tweġibiet huma tajbin u juri livell tajjeb ta' fehim. | Jaħdem waħdu imma jimxi aħjar bi ftit inkoraġġiment. | Iħaddem il-ħiliet u l-għarfien b'kunfidenza. |
| **+++** **Il-kisbiet mit-tagħlim intlaħqu parzjalment** | Fehim parzjali ta' ħafna mill-kisbiet mis-sillabu. Hemm bżonn ta' iktar prattika biex jiġu żviluppati l-għarfien u l-ħiliet. | It-tweġibiet huma kultant tajbin imma l-frekwenza tal-iżbalji li fihom jirriflettu livell bażiku ta' fehim. | Jibda jaħdem waħdu imma jserraħ fuq l-għajnuna ta' xi adult jew student ieħor. | Kapaċi jħaddem il-kompetenzi f'sitwazzjonijiet komuni u sempliċi biss. |
| **++** **Aspetti żgħar tal-kisbiet mit-tagħlim ġew milħuqa** | Kapaċi jilħaq numru minimum ta' kisbiet mis-sillabu. Il-fehim tal-kunċetti huwa minimu. | Ħafna tweġibiet huma ħżiena u jirriflettu nuqqas ta fehim. | Jiddependi fuq l-għajnuna minn xi adult. | Isibha diffiċli sabiex japplika dak li tgħallem. |
| **+** **Il-kisbiet mit-tagħlim għadhom ma ntlaħqux.** | Ibati biex jilħaq il-kisbiet tas-sillabu u għad għandu nuqqasijiet serji. | Wisq tweġibiet ħżiena li jirriflettu nuqqas kbir ta fehim. | Ma jaħdimx jekk ma jkollux l-għajnuna kontinwa minn xi adult. | Ma jafx japplika l-għarfien u l-ħiliet f'kuntesti sempliċi u komuni. |

**Eċċezzjonali, riżultati eċċellenti – fil-kaxxi tal-kummenti**

## 8. <u>Annessi – Listi ta' kotba rakkomandati</u>

**Kotba u testi suġġeriti:**

**Il-Lingwa:**
Stilel 1 sa 6, (sett), Trevor Żahra u Clare Azzopardi, Merlin Publishers, 2011.
Klikk 1 sa 6, (sett), Marija Montebello u Caremel Tabone, Klabb Kotba Maltin, 2011.
Malti għalina t-tfal, Charles Daniel Saliba,.....
Tikka Malti, (sett), Clare Azzopardi u Leanne Ellul, Merlin Publishers, 2014
Fittex u tgħallem, (sett), Christopher J Micallef, BDL Publishing, 2011.
Xpakka, (sett), Carmel Azzopardi, Klabb Kotba Maltin, 2009.

**Ġabriet ta' kliem u dizzjunarji**
Stampakelma, T. Zahra, Merlin Publishers, 2014
Dizzjunarju BDL

**Smigħ u taħdit**
Terramaxka, Clare Azzopardi, Merlin Publishers, 2011.

**Fehim mill-qari**
Kalejdoskopju 1 sa 6 (sett), Clare Azzopardi, Merlin Library, 2009.
Siltiet u mistoqsijiet, Natalie Portelli u Chris Azzopardi, Wise Owl Publications, 2014.

**Kotba tal-Qari**
Sensiela Tikka Qari
Sensiela klakkamin
Sensiela Senduq, editriċi Clare Azzopardi, Merlin Publishers, 2009.

**Kotba kbar maħruġa mill-Agenzija tal-Litteriżmu**

**Cd's ta' taqbiliet u kanzunetti bil-Malti**

**Siti elettroniċi u pjattaforma diġitali għar-riżorsi bil-Malti**
Malti.skola.edu.mt
pjattaforma fronter

**Apps bil-Malti**